**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 9 ta’ Settembru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud riprodott **Lawrence Cutajar** iben Edmond u l-mejta Tereza nee` Zammit imwieled l-Imtarfa u residenti Hal Luqa, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dr Comodini Cachia, ghandek xi domandi x’ taghmillu?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nahseb suggett li ma ddiskutejniex l-ahhar darba kien l-investigazzjonijiet fir-rigward tal-Bank Pilatus. Jekk tista’ tindika kif saru jafu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qabel naslu ghal dak ha nibda xi haga qabek..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela le?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ara Sur Cutajar, ha nibdew daqsxejn minn mindu dhalt inti fil-Korp. L-ahhar dabra tajtna l-history tieghek u nafu fejn qeghdin. Issa wahda minn l-affarijiet li sibt fuq id-desk nafu kien dan il-file illi… il-Green File nghidlu jiena, tajjeb? Inti, meta dhalt fuq dak x’ ghamilt?

***Ix-Xhud :***
L-ewwel haga li ghamilt Sur Imhallef kien li nitlob update ta’ l-investigazzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minn ghand min?

***Ix-Xhud :***
Minn ghand is-Sur Valletta u minn ghand is-Sur Abdilla.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri dak iz-zmien nghid sew illi l-Economic Crimes Unit kien limitat ftit hafna ..

***Ix-Xhud :***
Da zgur

***Imhallef J Said Pullicino :***
….u kien hemm dawn it-tnejn min-nies prattikament kienu imexxuh.

***Ix-Xhud :***
Le le. Is-Sur Abdilla kien supretendent, u s-Sur Valletta kien l-Assistent Kummissarju fuq serious crime; jigifieri li tkopri wkoll it-taqsima tal-frodi u money laundering..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dak iz-zmien it-taqsima kienet zghira hafna.

***Ix-Xhud :***
Sibtha zghira; kienet batutha hafna

***Imhallef J Said Pullicino :***
Zghira hafna. Issa u inti gejt landed f’ dan il-kaz kbir hafna

***Ix-Xhud :***
B’ dan il-file,

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri almenu minn barra kien jidher kbir hafna.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U tlabt update. Din l-update minn ghand is-Sur Valletta u s-Sur Abdilla f’ liema kuntest kienet? X’ qalulek?

***Ix-Xhud :***
Il-kuntest kienet… semmejtu l-ahhar darba l-operation green; fejn fi ftit kliem kienet li fic-cirkostanzi kien l-ahjar huwa li nistennew, kellna nircievu tliet rapporti u spjegajt l-ahhar darba x’ kienu it-tliet rapporti, ma nafx jekk nirrepetix etc etc ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, u intom id-decizjoni ..

***Ix-Xhud :***
..u t-triq 'il quddiem kienet li ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tikkomunikaw ma' barra biex taraw x' kontijiet etc hemm, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ezatt ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-attivita` taghkom fuq dak il-file kienet limitat ghal dik, hux hekk? Sa fejn taf inti.

***Ix-Xhud :***
Jiena ghandi kollox bil-miktub sa fejn illimitat. U mbaghad kien hemm dak fuq il-file wkoll; fuq il-file wkoll kien hemm il-parir li hadna minn ghand l-Avukat Generali, li spjegajt l-ahhar darba x' kien it-triq 'il quddiem.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri dak il-parir ikkondizzjonakom daqstant li intom ghedtu issa daqshekk ser naghtu?

***Ix-Xhud :***
Le. L-investigaturi hadu opinjoni… sorry, hadu parir, parir minn ghand l-Avukat Generali t-triq 'il quddiem, u mxew biha.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Daqshekk. U dik tfisser li huma ma ghamlu xejn iktar hlief dak, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik tfisser li huma ma ghamlu xejn iktar hlief li pprovaw igibu evidenza minn barra.

***Ix-Xhud :***
Sadanittant pero` rridu inzommu f' rasna li kienet qed tingabar informazzjoni minn l-FIAU li ahna ghandna rapprezentant taghha hemmhekk.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li huwa s-Sur Abdilla

***Ix-Xhud :***
Li huwa s-Sur Abdilla.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li huwa s-Sur Abdilla. U allura dak il-hin li inti dhalt hemmhekk u sibt dan il-file u tlabt ghal dan l-update, intom, komunikazzjoni, inti personali mal-Prim Ministru kellek jew ma kellekx?

***Ix-Xhud :***
Le le, fuq dan il-kaz le ma kellix

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma sorry ftit, qed nitkellmu jigifieri ghandna.. kellna Ministru, kellna chief of staff, u xi hadd iehor li ma nafux min hu, involut, fosti allegazzjoni fl-arja, u forsi wkoll jista' ikun kaz ta' money laundering u x' naf jien. Inti allura lil Prim Ministru ma qallekx .. x' ghandna naghmlu?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, jiena, ismaghni ftit, jiena fuqi nista' nitkellem, Lawrence Cutajar, fuqi nista' nitkellem.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe.

***Ix-Xhud :***
Fuq dan il-kaz jien ma kellix ghalfejn nikkomunika mal-Prim Ministru, ghaliex? Ghax jiena ma kontx lead investigator fuqu. Ma kontx lead investigator ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma inti l-Kummissarju!

***Ix-Xhud :***
Iva all right, le, niehu l-responsabbilta` kollha tieghi ta' Kummissarju dak iz-zmien jiena; imma f' dan il-kaz ma kellix.. ma hassejtx li ghandi ghalfejn. Kienu ghaddejjin l-investigazzjonijiet u l-investigazzjonijiet baqghu ghaddejjin, bhalma ghadhom ghaddejjin sal-lum.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kollox sew, imma x-xoghol taghkom hu li kemm jista' ikun tipprezervaw l-evidenzi

***Imhallef A Lofaro :***
Li tippreservaw l-evidenza, dik hi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, issa ma' barra pprovajtu; ma' Malta x' ghamiltu?

***Ix-Xhud :***
Da zgur, ma' Malta intalbu wkoll dokumentazzjonijiet, kif spjegajt ukoll l-ahhar darba, ma' banek lokali. U kien hemm diffikulta` ma' Bank ukoll; xhedtha wkoll.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma mal-persuni involuti li.. mhux qed nghidlek issa l-Ministru u s-Sur Schembri, qed nghidlek il-persuni involuti biex jifthu dawn il-kontijiet li jekk hemm verament sustanza f' dan l-allegazzjoni li kien hemm money laundering huma responsabbli direttament, sewwa? Issa dawna kellimtuhom intom?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, spjegajt ukoll l-ahhar darba; fl-investigazzjoni l-ewwel tigbor l-evidenza qabel tkellem lill-persuna.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva, din parti minn l-evidenza ..

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu.

***Ix-Xhud :***
Imma inti meta tibghat ghal persuna.., meta tibghat ghal bniedem ha ittiegh id-disclosure, ha ittiegh...

***Imhallef J Said Pullicino :***
Zomm sekonda zomm sekonda. Ghandkom kemm bghattu… mhux inti, ta' warajk, baghat ghal Prim Ministru ta' qabel, u qal din baghtu ghalija ghall-informazzjoni. Intom, l-istess exercise, l-istess exercise ghamiltuh mas-Sur Tonna? Mas-Sur Cini ghamiltuh?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, sakemm kont ghadni Kummissarju jiena l-investigazzjoni kienet ghadha fi stadju li tingabar l-evidenza.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri ahna min-naha taghna Sur Cutajar, minn hawnhekk din qeghdin narawha bhala delaying tactic biex ma taghmlu xejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-iskuza tal-parir ta' l-Avukat Generali, l-iskuza li issa nistennew ir-rapporti

***Imhallef A Lofaro :***
Inkjesti ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jiena narakom tahdmu f' affarijiet ohra, ghal dawk li huma crimes ma timxux hekk.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, jiena ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Min din in-naha ahna din l-iskuza qeghdin arawha bhal delaying tactic biex ma taghmlu xejn….

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
…li tghaddi sena shiha, sena shiha minn dak inhar li tohrog l-avviz tal-Panama Papers.., mhux l-avviz, l-ahbar tal-Panama Papers.

***Imhallef A Lofaro :***
Harget mad-dinja kollha!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
…sa sena wara ma jsir xejn. Mentri fid-dinja kollha, hlief Malta, ghamlet rivoluzzjoni din.

***Imhallef A Lofaro :***
Nies li rrezenjaw

***Ix-Xhud :***
Nista' nitkellem?

***Imhallef A Lofaro :***
Iva mela.

***Ix-Xhud :***
Jiena ha nirrispetta l-opinjoni tal-Qorti, ghax ifhimni ….

***Imhallef A Lofaro :***
Ma hijex opinjoni taf imma!

***Ix-Xhud :***
Le le, imma jiena ga spjegajt x' sar; hija percezzjoni li ma sar xejn.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Iva all right. Dik l-ispjegazzjoni ..

***Ix-Xhud :***
L-investigazzjonijiet kienu ghaddejin bhal ma ghadhom ghaddejjin..

***Imhallef A Lofaro :***
Per ezempju l-Pilatus Bank, Ali Sadr x' ghamiltu fuqu?

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Imhallef A Lofaro :***
Ali Sadr Pilatus Bank; x' ghamiltu?

***Ix-Xhud :***
Saret investigazzjoni. Trid nispjega mill-bidu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Per ezempju dak inhar li rajnih hiereg bil-bagalji hemm ..

***Ix-Xhud :***
No problem; anzi niehu l-opportunita` li ttini..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Skuzani Sur Cutajar; qabel ma naqbzu fuq Pilatus Bank…

***Imhallef A Lofaro :***
Ok, qabel ma naqbdu l-Pilatus Bank, ok .

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Skuzani ta' Sinjura Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas xejn.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma meta intom lix-xhud qed tistaqsuh x' ghamlu l-Pulizija u jekk il-moghdija ta' zmien kinetx the delaying tactic, x-xhud qed jindika illi le, l-investigazzjonijiet kienu qeghdin isiru.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk qal.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U allura nixtieq nistaqsi lix-xhud, ahna l-file operation green il-Bord rah. Hemm xi kopji minnu. Huwa file illi taqrah in less then an hour ha biex intik id-dubju tal-beneficcju ta' kemm indumu naqrawh. Jigifieri huwa biss dak il-file li hija l-investigazzjoni tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Spjegajt li barra dak il-file l-ahhar darba jiena li barra dak il-file kien hemm rapporti ohra, ma nafx jekk dahlux f' dan il-file jew qeghdin f' file differenti, fejn ir-relazzjonijiet ta' certu nies spjegajt l-ahhar darba x' kienu, u kien hemm xi rapporti wkoll fuq xi individwi individwali li kellhom konessjoni mal-Panama Papers. Pero` nerga' nghid, illum ma nafx, imma sakemm kont Kummissarju jiena rapport holostiku fuq il-Panama Papers ma rcivejniex.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri ahna ghandna nifhmu illi l-file tal-Pulizija fuq dawn it-tlieta jew erba' rapporti li inti semmejt l-ahhar darba jikkonsistu biss fil-minutes ta' bejnietkom, fir-rapporti ta' bejnietkom, il-parir ta' l-Avukat Generali, fit-talbiet lil Europol biex jaghtukom l-informazzjoni mill-banek u fit-talbiet lill-banek Maltin biex jaghtukom l-informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Dik il-gbir ta' evidenza.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dik.

***Ix-Xhud :***
Dik jghidulha l-gbir ta' evidenza.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma interrogazzjoni ta' persuni involuti tezisti f' dawn il-files per ezempju?

***Ix-Xhud :***
Ifhimni, illum ma nafx...

***Imhallef A Lofaro :***
Ma bghattux ghalihom hux? Ma bghattux.

***Ix-Xhud :***
Illum ma nafx jekk tezistix ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux illum, sakemm kont hemm inti.

***Ix-Xhud :***
Le le, sa dak iz-zmien li tlaqt jien kien hemm ghadha qed tigabar; ghedtha kemm-il darba u irrepetejha. Kienet ghadha qed tingabar l-evidenza.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk kienet ghadha qed tingabar l-evidenza x' tip ta' evidenza kien jonqos li tingabar?

***Ix-Xhud :***
Mhux dokumentazzjoni minn banek!? Id-diffikulta`... nerga' nirrepeti..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri ahna ghandna nifhmu illi minn l-ewwel gurnata illi rcivejtu l-ewwel rapport u fi zmien sena mbaghad ircivejtu l-ohrajn, l-unika haga li ngabru huma dokumentazzjoni minn banek?

***Ix-Xhud :***
Mhux dik l-evidenza fuq money laundering!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Din hija l-investigazzjoni taghkom?

***Ix-Xhud :***
Mhux dik l-evidenza? Mhux dik hija investigazzjoni tal-money laundering?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux ta' b' xejn..

***Imhallef A Lofaro :***
Dik inti trid tghidilna.

***Ix-Xhud :***
Le le, imma zomm ftit; imma zomm ftit Dottoressa ghax tghid li – mhux ta' b' xejn..! Inti qabel tibghat ghal persuna.., din nirrepetija u nerga' nirrepetija; skuzani li qed nirrepeti. Irid ikollok l-evidenza f' idejk u trid ittiegh id-disclosure lill-persuna

***Imhallef J Said Pullicino :***
Daka biex tkun tista' takkuzah. Pero` hawn ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le mhux li takkuzah; li ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li tpoggiegh taht caution. Issa inti taf illi inti….

***Ix-Xhud :***
Li tinterrogah

***Imhallef J Said Pullicino :***
…issa l-Pulizija tinvestigah, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minghajr ma taghmel dan il-cautions; tibghat ghal xi hadd bhala pesuna ..

***Ix-Xhud :***
Erga' ghidhieli Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Zomm sekonda; bhala persuna li jista' jkollha informazzjoni x' ittik, u jiena ghalija....

***Ix-Xhud :***
Informer jigifieri?

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux bilfors, le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux informer, u noqghodu attenti, ghax issa! Jigifieri l-Pulizija, ghalija li jiena layman barra minnha dik, tajjeb?, kienet ovvja li kellha tibghat biex tistaqsih ta! Mhux jigifieri taghmillu interrogazjoni..

***Ix-Xhud :***
Le ma kinetx..…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux interrogazzjoni; biex tghidlu inti x’ ghamilt?

***Ix-Xhud :***
Le le ma kinetx ovvja Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma taghmilx hekk.

***Ix-Xhud :***
Ghax jekk tibghat.. ; u zgur. Hu pacenzja ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li inti tibghat.., sorrt ftit; ha naghmel domanda specifika. Jigifieri li inti tibghat ghas-Sur Cini, li inti tibghat ghas-Sur Tonna kont tarha inti qisek qed tgerrxu.

***Ix-Xhud :***
Meta l-persuna tibghat ghalih l-ewwel haga jekk ma jkollox evidenza f’ idejk ma jkollokx disclosure tista’ tippregudika l-kaz; dik wahda. Investigazzjoni dejjem hekk saret Sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Is-servers

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma inti ma taqbilx illi s-sistema kif applikata illi l-Pulizija f’ dan il-kaz kienet ideali biex din l-evidenza ittir, tisparixxi? Tisparixxi.

***Ix-Xhud :***
Hafna evidenza le; ma hassejniex hekk ahna zgur.

***Imhallef A Lofaro :***
Kieku mortu ghas-servers ghand Nexia BT…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux importanti dawk kienu?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, l-investigazzjoni kif hallejtha jien nerga’ nirrepeti ..

***Imhallef A Lofaro :***
…inti ghedtilna d-dokumenti; toqghodx tghidilna x’ qed jigri llum!

***Ix-Xhud :***
Le le mhux x’ qed jigri llum; lanqas naf jien.

***Imhallef A Lofaro :***
Irridu nkunu nafu fi zmienek, fi zmienek, hu pacenzja, ghaliex ma mortux ghas-servers ta’ Nexia BT? Irridu nkunu nafu ghaliex. Fi zmienek issa. Toqghodx tghidli ghax lanqas illum ma marru, per ezempju; ma nafx x’ kont ser tghid.

***Ix-Xhud :***
Jiena ma ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le, fi zmienek ghalfejn ma mortux? Ghalfejn ma mortux?

***Ix-Xhud :***
Kienet qed tingabar l-evidenza; jekk l-investigaturi…

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti ghedtli li ridtu d-dokumentazzjoni Sur Cutajar!

***Ix-Xhud :***
…jekk l-investigazzjonijiet ma marrux ghas-servers sinjal li...

***Imhallef A Lofaro :***
Le, hu pacenzja; le. Jiena rrid insaqsi domanda. Inti ghedtli illi ridtu d-dokumentazzjoni. Mela x’ aqwa kellek milli tmur ghand in-Nexia BT u

tipprova ggib id-dokumenti u l-informazzjoni minn hemm? Issa mhux qed narrestaw in-nies! Iggib is-servers, l-informazzjoni minn hemm.

***Ix-Xhud :***
F' dak l-istadju ta' l-investigazzjoni Sur Imhallef ma kienx hemm.

***Imhallef A Lofaro :***
X' ma kienx hemm?!

***Ix-Xhud :***
F' dak l-istadju ta' l-investigazzjoni l-investigaturi ma ..

***Imhallef A Lofaro :***
Jew ghax qalilkom l-Avukat Generali?

***Ix-Xhud :***
Le le ma qalilniex l-Avukat Generali…

***Imhallef A Lofaro :***
Imma qalilkom fil-fatt; ghax fuq is-servers qalilkom.

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt spjegajt ezatt x' qalilna l-Avukat Generali.

***Imhallef A Lofaro :***
Rajnih il-parir.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Rajnih il-parir. Pero` rrispondili din; fid-dominju pubbliku dak iz-zmien kienu gew ippubblikati.., fid-dominju pubbliku qed nghidlek issa jien ta, emails mahruga minn Nexia BT minn ghand Brian Tonna fejn dawn qeghdin jitolbu lill-Mossack Fonseca sabiex jifthu dawn il-kontijiet, u nafu dawn l-emails x' kien fihom, nafu, ghax qieghda fid-dominju pubbliku. Dawn l-emails kollha gew pubblikati. Dik ma hijiex evidenza? Lil dawn in-nies, almenu, almenu, ikkonfrontajtuhom bihom dawn id-dokumenti?

***Ix-Xhud :***
Jiena ma jidhirlix li gew ikkonfrontati bihom dawn id-dokumentazzjoni, imma .. ma jidhirlix.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma jidhirlekx. All right.

***Ix-Xhud :***
Ma jidhirlix.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kont ilek hemm erba' snin eh! Mhux sena dan! Dan mill-ewwel nett, f' erba' snin dan il-process ma sarx. Illi dik jfisser illi dawn baqghu ghaddejjin jekk riedu bl-azzjonijiet taghhom. Minn barra hekk inti taf daqsi, daqsi taf, illi tista' tigbor xhieda minghajr ma tkellem in-nies illum, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Da zgur; mhux hekk?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghandkom is-Secret Service, ghandkom hafna mezzi biex tikkontrollaw

***Imhallef A Lofaro :***
U kien hemm is-servers ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..biex tikontrollaw; dan sar xoghol biex tikkontrollaw it-telephones u s-servers ta'.. fejn naf, is-server tas-Sur Schembri, tal-Ministru, whatever,..

***Ix-Xhud :***
Fuq telephone u fuq dan ma nistax nitkellem jekk sarx dan ix-xoghol jigifieri, ghax jiena ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bhala evidenza qed nghid jiena ..

***Ix-Xhud :***
… ma ghandix kontroll ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bhala evidenza

***Ix-Xhud :***
..m' ghandix kontroll ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
M' ghandekx kontroll, imma inti ghandek konnessjoni. Nahseb xi haga bhal din tant hi kbir li r-rizorsi kollha tal-pajjiz..; jiena din tinkwetani taf. Inti qed tghid, u bir-ragun, li kellek rizorsi baxxi, ftit, veru kellek rizorsi ftit. Allura inti x-xoghol tieghek kien ikun li tigbor lil kulhadd mieghek. Mill-Prim Ministru 'l

isfel; ..hawnhekk ghandi dan il-kaz kbir, ma ghandix rizorsi ha naraw x' ser naghmlu biex naraw jekk hux veru jew le, biss. Imma dan ma sarx hux?

***Ix-Xhud :***
Rizorsi…, le, rizorsi ghall-investigazzjonijiet irrangajthom jiena ghax zidt l-investigaturi. Zidt numru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jien ma nafx ..

***Ix-Xhud :***
Nista' nispjega x' zidt jigifieri ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma kellek nies biex imorru ghas-servers, biex jigbru s-servers kellek nies. Ma nahsibx li ghax ma kellekx nies ta! Kellek nies.

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-istess argument japplika Sur.. japplika l-istess argument ghal kwistjoni meta harget l-istorja tas-17 Black. Issa qeghdin noqorbu hafna lejn id-data ta' l-assassinju, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Lejn id-data..?

***Imhallef A Lofaro :***
Ta' l-assassinju.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' l-assassinju. Is-17 Black, inti, immedjatament wara li harget, mela allura dan tak certu solidita` fl-allegazzjoni tajjeb jew hazin, inti bhala Kummissarju x' ghamilt? Mhux bilfors ikollok il-prova certa ta! Ghandek elementi godda li jallarmawk. Kellek  hawnhekk, x' hawn? Inti bhala ufficcju x' ghamilt? L-ghada li qrajt dawn l-affarijiet, jekk mhux dak inhar.

***Ix-Xhud :***
Ahna Sur Imhallef rapport fuq is-17 Black diga` spjegajt. Ircivejnih fis-27 ta' Marzu ta' l-2018. Gie by hand minn l-FIAU lis-Sur Abdilla, u l-kaz beda jigi investigat mall-ewwel. Mall-ewwel bdejt…

***Imhallef J Said Pullicino :***
U kif? Iva. Imma kif?

***Ix-Xhud :***
Jekk nara x-xhieda; ga xehed ezatt l-ahhar darba

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ga qalilna.

***Ix-Xhud :***
Imma jekk trid nerga' nixhed fuqha nerga' nixhed.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, dak li ghedt tirrepetix, m' hemmx ghalfejn.

***Ix-Xhud :***
Ok; ghax m' ghandix kopja tax-xhieda. Il-kaz dak inhar dak iz-zmien beda jigi investgat minn zewg spetturi Raymond Aquilina u Antonivich Muscat li huma li dak iz-zmien kienu fit-taqsima ta' Money Laundering. Mall-ewwel qabdu jigbdu l-informazzjoni minn certu postijiet; l-ahhar darba spjegajt ukoll, fosthom il-United Kingdom, il-Latvia, l-Olanda, l-Ivzivvera, il-Montenegro, Singapore, u c-China u l-United Arab Emirates, li dawn il-pajjizi kienu qed jikkoperaw. Ingabru wkoll dokumentazzjonijiet minn entitajiet lokali ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Banek lokali?

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Banek

***Ix-Xhud :***
Banek

***Imhallef A Lofaro :***
Kien hemm bank li ma kkoperax hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ehe, ghedtha wkoll iva l-ahhar darba.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghedtilna iva.

***Ix-Xhud :***
Iva, jien nerga' nirrepeti, jiena sakemm ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Lis-Sur Feneck kellimtuh? Ghamiltu xi haga? Anke jekk ma kellimtuhx, biex tikkontrollaw lis-Sur Fenech?

***Ix-Xhud :***
Jiena ismaghni Sur Imhallef, jiena fuq is-17 Black dak li nista' nixhed.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva imma,.

***Ix-Xhud :***
Imma mhux li tikellem Sur Imhallef jahasra. Mhux li titkellem

***Imhallef A Lofaro :***
Bghattu lis-Sur  Yorgen Fenech?

***Ix-Xhud :***
Mhux li titkellem .

***Imhallef J Said Pullicino :***
Gejna fl-istes sitwazzjoni. .

***Ix-Xhud :***
Iva ghax inti trid l-evidenza f' idejk. Trid id-disclosure; kif titkellem bl-eta`..

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-Electrogas, ifhimni ftit; l-Electrogas ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghadha sal-lum  ghadha lanqas  inghalqet l-inkjesta ta' 17 Black sa fejn naf jien. Ghadha sal-lum lanqas inghalqet; ghadhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet; ahseb u ara fi stadju bikri li qed insemmi llum jiena!

***Imhallef J Said Pullicino :***
X' ghamiltu intom ..

***Ix-Xhud :***
Qed nispjega x' ghamilna Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti ghedtli hafna x' ghamiltu barra minn Malta. X' ghamiltu Malta?

***Ix-Xhud :***
U le, u ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-banek, il-banek l-iktar wahda xi haga safe, il-banek. F' Malta, ma' nies involuti f' xi mod jew iehor vicin u boghod x' ghamiltu?

***Ix-Xhud :***
Kienet qieghda tigabar l-evidenza Sur Imhallef, biex ikollok id- disclosure li meta tibghat ghal persuna jkollok x' ittiegh.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ghalik l-evidenza kollha kienet gejja minn barra jew inkella minn xi bank ta' Malta.

***Ix-Xhud :***
Mhux minn hemm trid tibda imma?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma nafx, jiena mhux investigatur. ..

***Ix-Xhud :***
Fuq investigazzjoni ta' money laundering

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Naslu ghal konkluzjoni …

***Imhallef A Lofaro :***
Imbaghad naraw hux.

***Ix-Xhud :***
All right; jiena minhiex xi espert! imma…

***Imhallef J Said Pullicino :***
…gimghat jew xhur.. sar l-assassinju

***Ix-Xhud :***
Ghadha sejra l-investigazzjoni Sur Imhallef jahasra! Ghadha sejra l-Inkjesta Magisterjali.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Cutajar, hawnhekk xehed is-Sur Abdilla; jidhirli li fix-xhieda tieghu hu qalilna illi hu kien fi triqtu lejn Portomaso biex jitkellem ma' Yorgen Fenech. Inti taf illi s-Sur Abdilla kien ghamel laqgha biex imur Portomaso jitkellem ma' Yorgen Fenech?

***Ix-Xhud :***
Kien qalli li sejjer ikellmu iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U qallek fuq xiex kien sejjer ikellmu?

***Ix-Xhud :***
Jidhirli fuq l-investigazzjoni tas-17 Black.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U qallek ghalfejn hu kif kien qieghed fil-karozza rcieva telefonata u kellu jikkancella dik il-laqgha li kellu fl-ufficcju ta' Yorgen Fenech?

***Ix-Xhud :***
Qalli wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
X' qallek?

***Ix-Xhud :***
Qalli li cempillu eh… dak iz-zmien Daputat Kummissarju, li s-Sur Fenech kien ma jiflahx jidhirli.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Id-Deputat Kummissarju kien Silvio Valletta?

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta? Meta kienet din il-laqgha?

***Ix-Xhud :***
Niftakar il-gurnata naf li kienet il-Hadd; imma tghidlix id-data meta kienet ghax ma niftakarhiex!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Is-sena?

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarhiex hu!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Is-sena?

***Ix-Xhud :***
Nahseb 2019 jien.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tahseb 2019. U meta s-Sur Abdilla lilek qallek - isma', il-laqgha ma' Yorgen Fenech f' Portomasu jiena kont fi triqti imma cempilli s-Sur Valletta u ikkancellajtha ghax is-Sur Valletta qallu.. ? Taf ghal fejn is-Sur Valletta qallu ikkancellaha?

***Ix-Xhud :***
Jien jidhirli li jekk minhiex sejjer zball kien qallu li ma jiflahx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kien qallu li Yorgen Fenech ma jiflahx

***Ix-Xhud :***
Ehe..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U allura inti ma taqsejtx kif is-Sur Valletta jaf li Yorgen Fenech ma jiflahx?

***Ix-Xhud :***
Le ma staqsejtx hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalfejn ma hassejtx li ma kellekx issaqsi?

***Ix-Xhud :***
Ma kellix ghalfejn insaqsi; Ma kellix ghalfejn insaqsi

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalfejn ma hassetjx li ma kellekx ghalfejn issaqsi?

***Ix-Xhud :***
Ma hassejtx. Issa ifhimni… ma staqsejtx

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mar l-ghada allura? Mar l-ghada allura meta ghaddielu? Meta ghadielu..

***Ix-Xhud :***
Ma nafx meta mar

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma mar fil-fatt?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx jekk kellmux

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma lanqas taf jekk kellmux

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri inti ma hassejtx il-htiega li tistaqsih.

***Ix-Xhud :***
Pero` l-investigazzjoni minn dak inhar kienu hadu binarji kif qieghed nispjega hawnhekk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U minn dak inhar li sirt taf illi s-Sur Valletta jkun jaf meta Yorgen Fenech ikun ma jiflahx jew le, kemm ghadda zmien sakemm sirt taf bil-hbiberija bejn is-Sur Fenech u s-Sur Valletta?

***Ix-Xhud :***
Jiena bejn hbiberija bejn is-Sur Fenech u s-Sur Valletta bdiet tohrog meta.. wara, wara li nstabu r-recordings.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri qabel ma kontux tafu?

***Ix-Xhud :***
Jien ma kontx naf.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri li mar l-Ingilterra mieghu ..

***Ix-Xhud :***
Le le, no way

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienx jaf.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kien daqshekk vicin taghkom is-Sur Valletta u ma tkun taf xejn.

***Ix-Xhud :***
Imma bir-rispett kollu…; ifhimni, jekk l-affarijiet tal-hinijiet tax-xoghol jiena kif tridni nkun naf!? Ma kellix lis-Sur Valeltta biss  jiena ta!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, ovvjament

***Ix-Xhud :***
Ghaxart elef oggett hu!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma fil-karriera tieghek normali illi ufficjal tal-Pulizija jkun jaf persuna ta' interess hix ma tifhalx jew le jekk mhux hu kellu dak l-appuntament?

***Ix-Xhud :***
Seta' kien hemm xi hadd tal-familja li nfurmah.

***Imhallef A Lofaro :***
U dan mhux suppost hu li gie d-Depot? Noqghodu mmorru ahna inkellmuh?!

***Ix-Xhud :***
.... Sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Normali din?

***Ix-Xhud :***
Gie li saret. Mhux xi haga kbira

***Imhallef A Lofaro :***
Gie li saret? Ma' xi VIPs issir imma jew ma' kulhadd?

***Ix-Xhud :***
Gie li saret, gie li dew id-Depot..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Man-nies tat-triq issir din? Ghax l-eks Prim Ministru d-Depot mar, le?

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, l-investigaturi ddecidew li ha morru huma jkellmuh.

***Imhallef A Lofaro :***
Mentri l-eks Prim Ministru Joseph Muscat id-Depot mar,

***Ix-Xhud :***
Ehe ….

***Imhallef A Lofaro :***
Hux veru? Qed taraha naqra d-differenza?

***Imhallef J Said Pullicino :***
U issa llum, ma kontx nafu jien dak iz-zmien, imma llum jirrizultalna illi n-nies li kienu qed imexxu l-investigazzjonijiet, almenu wiehed minnhom, tajjeb..?

***Ix-Xhud :***
Erga', hu pacenzja Sur Imhallef, erga' ghidli.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Irrizultalna llum illi wiehed minn dawk.. jekk mhux l-aqwa wiehed li qed imexxi l-investigazzjoni kien suspett, ma kienx qed jaghmel xoghol minhabba ragunijiet ohra; illum public domain. Lilek dana ma jinkwetawkx ..

***Ix-Xhud :***
Ismaghni ftit Sur Imhallef, li ma kienx qieghed jaghmel xoghlu jiena bir-rispett kollu skuzani ma naqbilx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma taqbilx ma taqbilx

***Ix-Xhud :***
Ma naqbilx totalment

***Imhallef A Lofaro :***
Ma taqbilx inti

***Ix-Xhud :***
Da zgur li ma naqbilx

***Imhallef A Lofaro :***
All right.

***Ix-Xhud :***
Da zgur li ..; Kif tridni naqbel jiena li s-Sur Valletta ma kienx qieghed jaghmel xoghlu meta dan wara xahrejn ta' delitt ta' karozza bomba li f' Malta qatt ma ssolva wiehed bhalu fl-istorja, dan wara xahrejn tressqu tlieta min-nies il-Qorti! Jiena nista' nghid

***Imhallef A Lofaro :***
U li kien hemm il-leaks imma? Li kien hemm il-leaks?

***Ix-Xhud :***
Jiena nista' nghid li s-Sur Valletta....

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Cutajar, hu solvija jew l-FBI u l-Europol?

***Imhallef A Lofaro :***
Kien hemm il-leaks ta' ukoll! Setghu mietu l-Pulizija u s-suldati.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Min ghamel l-analizi tas-Cell Data Tower Sur Cutajar? Is-Sur Valletta?

***Ix-Xhud :***
Ta' xiex?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Is-Sur Valletta kien fuq il-crime of scene biex jigbor l-evidenza? Is-Sur Valletta ghamilhom ir-rapporti ta' l-FBI u tal-Europol ukoll li gew perzentati?

***Ix-Xhud :***
Ifhimni, hu pacenzja Dottore, issa qeghdin f' sitwazzjoni ahna, heq!, is-Sur Valletta kien inkarigat. Jien mhux qed niehu l-beneficcju jiena ghax jiena l-Kummissarju! Ghax jiena ghal fejn ikun hemm il-hazin nidher jiena!, mhux fejn ikun hemm it-tajjeb. Is-Sur Valletta kien inkarigat minn l-investigazzjoni hollistika. Issa gabar dan u gabar l-iehor…!

***Imhallef A Lofaro :***
U kien hemm il-leaks ukoll Sur Cuajar.

***Ix-Xhud :***
Ma marx jigbor is-Sur Valletta.., imma hu kien inkarigat minn l-investigazzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Cutajar, tiftakar il-kawza kostituzzjonali li ghamlet il-familja Caruana Galizia...

***Imhallef A Lofaro :***
Biex jitnehha s-Sur Valletta.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
….biex is-Sur Valletta la darba ghandu konflit ta' interess f' din l-investigazzjoni ma jippartecipax f' din l-investigazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Iva mela ma niftakarx!? U tlajt nixhed fiha..; le le ma xhedtx, imma kont prezenti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Lanqas dik il-kawza ma dahlitlek suspett illi hemm konflitt ta' interess?

***Ix-Xhud :***
Jiena li nista' nirrispondik, dottore, li meta nfethet dik il-kawza, b' rispett lejn il-Qorti, b' rispett lejn il-Qorti, ghalkemm ma kienx hemm decizjoni, is-Sur Valletta gie side-lined l-investigazzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Cutajar kif side-lined….

***Ix-Xhud :***
Ma tahsibx li ma kellix fiducja fih!, biex..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kif gie sidelined? 'Il ghaliex f' dik il-kawza hemm verbal b' mod car illi jindika illi l-familja fl-ewwel seduta stednitek illi jekk inti is-Sur Valletta jkun sideline f' dik l-investigazzjoni kienu lesti li jirtiraw il-kawza. Ir-risposta tieghek kienet – inkomplu miexjin bil-kawza. U allura kif issa trid li nghid jew tridni nemmen illi s-Sur Valletta kien sideline kif infethet il-kawza?

***Ix-Xhud :***
Dak il-parir li kelli, u dak li qed nghid jien hawnhekk mhux jien biss nista' nghidha; jistghu jixhduha wkoll l-investigaturi. Pero` l-parir li kellna ahna li nibghu ghaddejin bil-kawza

***Imhallef A Lofaro :***
Parir min ghand l-Avukat Generali hux?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imn takom dan il-parir?

***Ix-Xhud :***
Jiena ma stajtx wara r-rizultati li kellu s-Sur Valletta fl-investigazzjoni, u ghex l-investigazzjoni mill-bidu nett, mill-bidu nett taghha, jiena ma kontx… il-kelma ma kontx naffordja li ghandi fizjal bhas Sur Valletta li…

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` l-parir gie minn l-AG please?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-parir gie minn ghand Dr Victoria Buttigieg? Sur Cutajar.

***Imhallef A Lofaro :***
Minn l-AG

***Ix-Xhud :***
Insejt minn ghand min; minn ghand l-AG.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-avukat minn l-ufficcju tal-Avukat Generali min kien qed jassistik f'dik il-kawza?

***Ix-Xhud :***
Jidhirli Dr Victoria Buttigieg.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Minn hemmhekk gie l-parir?

***Ix-Xhud :***
Li nkomplu bil-kawza?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva li tkompli bil-kawza

***Imhallef A Lofaro :***
Li tkompli bl-investigazzjoni mmexxija minn Silvio Valletta.

***Ix-Xhud :***
Pero` xorta jiena erfajt ir-responsabbilta`

***Imhallef A Lofaro :***
Inti semmejtu l-parir legali, mhux jien.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux jiena semmejtu ta! Jiena lanqas biss kont naf li ..

***Imhallef A Lofaro :***
Inti semmejtu l-parir.

***Ix-Xhud :***
Jista’ jitla’ jixhed Sur Imhallef; jista’ jitla’ jixhed hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhuxi nti semmejtu l-parir jahasra!

***Ix-Xhud :***
Iva, mhux kollox irrid insemmi hawn Sur Imhallef!?

***Imhallef A Lofaro :***
Imma allura trid tghidilna min tahulek.

***Ix-Xhud :***
Iva ghedtilha

***Imhallef A Lofaro :***
Ok. Dr Buttigieg; daqshekk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk nista’ insaqsik domanda ohra fuq l-investigazzjoni ta’ 17 Black. Kif qallek is-Sur Imhallef kien hemm hafna informazzjoni fil-pubbliku, fosthom kienet illi Keith Schembri kien qed jiddikjara illi ser idhahhal introjtu minn 17 Black. Lil Keith Schembri stedintuh jigi l-headquarters jew mortu d-dar tieghu biex tistaqsuh x’ jaf hu fuq 17 Black?

***Ix-Xhud :***
Zomm; meta tghid….

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux iva jew le?

***Ix-Xhud :***
Nirrispondi iva jew le? Nghid le

***Imhallef A Lofaro :***
Ma nafx; imma inti lanqas hallejtha tispicca d-domanda ta' inti Sur Cutajar!

***Ix-Xhud :***
Skuzani.

***Imhallef A Lofaro :***
Spicca d-domanda jekk joghgbok.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela, lis-Sur Keith Schembri stedintuh il-Headquarters jew mortu l-ufficcju tieghu biex tistaqsuh hu x' kien jaf fuq 17 Black?

***Imhallef A Lofaro :***
Issa l-ewwel iva jew le u mbaghad spjega ghaliex

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Le?

***Ix-Xhud :***
Le. Ghax nerga' nispjega u nerga' nispjega Sur Imhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok, le le trid tispjega

***Ix-Xhud :***
Nerga' nispjega u nerga nispjega li meta tlaqt jiena l-investigazzjoni kienet ghadha fi stadju ta' gbir ta' evidenza. Illum ghaddew tmien xhur ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva, imma allura ma gbartuhx biex tigbru l-evidenza. Le

***Ix-Xhud :***
Jiena, ghalija, biex nigbor bniedem… prova.. ghax mhux – le le, ghax trid tispjega imma..

***Imhallef A Lofaro :***
Spjegali. Ghedtlek spjegali.

***Ix-Xhud :***
Trid tispjega. Trid tispjega

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk ghedtlek jiena.

***Ix-Xhud :***
Il-persuna trid ittiegh id-disclosure mhux bil-public domain.

***Imhallef A Lofaro :***
Id-disclosure.

***Ix-Xhud :***
Mela d-disclosure huwa l-public domain skuzi?

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi kont tehodlu l-mobile u tara naqra x' hemm fuqu.

***Ix-Xhud :***
Issa ..!

***Imhallef A Lofaro :***
Ma nafx ta; kien intelef dak inhar? Ma nafx.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri minn fuq il-public domain…

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-allegazzjonijiet li saru fuq is-Sur Valletta veri jew ma humiex taqbel mieghi li huma serji.

***Ix-Xhud :***
Kull allegazzjoni hija serja fuq kulhadd. Anke fuqi saru allegazzjonijiet.

***Imhallef A Lofaro :***
L-ahhar darba semmejtilna li kont irrabjat ghax ibnek stess seta' korra ibnek li kien f' dik l-operation li marru jarrestaw ..

***Ix-Xhud :***
Issa qeghdin jigifieri fuq ..

***Imhallef A Lofaro :***
B' hemmx l-allegazzjoni ..

***Ix-Xhud :***
Fuq leakages qed nitkellmu jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
Tal-leaks; mela mhux serja dik?

***Ix-Xhud :***
Da zgur li konna...; mhux ovvja li konna inkwetati!

***Imhallef A Lofaro :***
Setghet imutu n-nies.

***Ix-Xhud :***
Imma ma nistax nghid min ghamilhom il-leakages!

***Imhallef A Lofaro :***
Le, va bene; minn gewwsa zgur kienet pero`

***Ix-Xhud :***
Kull tant l-inqas bniedem li tahseb fih jillijkja l-affarijiet.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva iva, mela le?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti llum tqis li s-Sur Valletta tradiekom allura?

***Ix-Xhud :***
Le ma ghandix prova jiena ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
......li tradiekom.

***Ix-Xhud :***
M’ ghandix dik il-prova.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li qeda d-dover tieghu f’ dik ic-cirkostanza taqbel?

***Ix-Xhud :***
Erga’ ghidli?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Taqbel li d-dover tieghu ghamlu f’ dik ic-cirkostanza?

***Ix-Xhud :***
Jiena, jekk tara r-rizultati jien ghalija… f’ dik ic-cirkostanza meta gew arrestati ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma sorry ta’, jiena mhux qed nifhem Sur Cutajar; allura jekk jiena Pulizija..

***Ix-Xhud :***
Skuzani Sur Imhallef..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le ha nghidlek; jiena Pulizija, insolvi l-aqwa delitt fid-dinja u jghidu kemm hu bravu! L-ghada mmur noqtol lil xi hadd. Allura jiena ghax dabra solvejt… nibqa’ tajjeb?! X’ inhi din?

***Ix-Xhud :***
Iva imma…

***Imhallef J Said Pullicino :***
X’ inhi din? Ma nafx..

***Ix-Xhud :***
Imma inti x’ inhi l-mistoqsija imma Sur Imhallef?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-mistoqsija hija ghaliex inti..

***Ix-Xhud :***
…jekk jiena waqt l-investigazzjonijiet kellix fiducja fis-Sur Valletta? Da zgur li kelli; u jekk tara r-rizultat!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Anke wara li hargu dawk l-istejjer fuqu tajjeb jew hazin ..?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta hargu l-affarijiet u kien...

***Imhallef A Lofaro :***
Tal-football; tal-limousine.

***Ix-Xhud :***
Jekk ma kienx minn leave ghal barra, naseb li kien bil-leave ghal barra meta hargu l-affarijiet jigifieri

***Imhallef A Lofaro :***
Imma xorta suppost illi graw dawn l-affarijiet?

***Ix-Xhud :***
Da zgur li mhux suppost li graw; qed nghidlek ipperikolaw il-hajjA tan-nies!

***Imhallef A Lofaro :***
Le mhux il-leaks issa

***Ix-Xhud :***
Mela ..?

***Imhallef A Lofaro :***
Li morna naraw il-loghba tal-football mieghu; li qghadna niccajtu bir-Rolls Royce jew limousine ma nafx x' kienet! Ghad ghandek fiducja fih; all right.

***Ix-Xhud :***
Is-Sur Valletta spicca mill-Korp Sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
X' ghandu x' jaqsam? Inti ghedt illi bhala Pulizija ghad ghandek fiducja fih.

***Ix-Xhud :***
Jiena sakemm domt Kummissarju jiena r-rizultati li gab is-Sur Valletta...

***Imhallef A Lofaro :***
Ftit wara ta' li rrizenja! Ftit wara li rrizenja sirna nafu li mar..; ftit wara; xhur.

***Ix-Xhud :***
Kien ga rrezenja.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux snin ta' wara! Xhur; xhur.

***Ix-Xhud :***
Kien ga rrezenja.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U ghad ghandek fiducja, all right, ok.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sur Cutajar, il-problema hija iktar serja milli tidher, il-problema. Ghaliex l-issue hi hawnhekk illi li kieku ittiehdet azzjoni fuq is-17 Black li setghet kienet ir-raguni l-motiv ghaliex saret il-bomba kieku forsi l-affarijiet kienu jinbidlu. Jigifieri l-problema dik hi hawnhekk, tajjeb? Ghaliex… il-Panama Papers wahda, imma is-17 Black imbaghad dika specifika.

***Ix-Xhud :***
Is-17 Black Sur Imhallef l-investigazzjonijiet bdew once li ircivejna r-rapport minn ghand l-FIAU. Dawk bdew mall-ewwel. Niftakar gie s-Sur Abdilla ghandi bil-file; spjegali naqra, tani kumpaniji..

***Imhallef A Lofaro :***
Background

***Ix-Xhud :***
..background tal-kumpaniji, u skattajna mal-ewwel l-investigazzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U dan li qed tghidli jkompli jikkonfermali kemm hi iktar serja; ghaliex mhux biss l-ahhar, imma anke way back in 2018! Jigifieri sena qabel, almenu ..

***Ix-Xhud :***
F' Marzu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kontu ga tafu.

***Ix-Xhud :***
Qed nghidlek ircivejna r-rapport fis-27 ta' Marzu 2018..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Stenna ftit; u kontu tafu bl-allegazzjonijiet tajbin jew hziena ..

***Ix-Xhud :***
Mhux ghalhekk skattaw l-investigazzjonijiet Sur Imhallef!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu. Allura intom f' dak il-mument.., again, meta harget din, tajjeb?, kellek il-files; ma mortx tkellem lill-Prim Ministru u tghidlu - hawn x' ser naghmel inti?

***Ix-Xhud :***
Le ma kellix ghalfejn, jien kelli l-investigaturi x' inkellem. Jien mhux lill-Prim Ministru rrid inkellem! L-investigaturi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma inti hemmhekk ghandek f' idejk is-sigurta` tal-pajjiz. Ghandek ..

***Ix-Xhud :***
Jiena inkellem lill-investigaturi; tkellimt ma' l-investigaturi u on the way forward. L-investigaturi qaluli….

***Imhallef J Said Pullicino :***
U sadanittant....

***Ix-Xhud :***
…li l-way forward hija li nibdew mal-ewwel b' mod urgenti nitolbu l-investigazzjonijiet. Skattat Inkjesta Magisterjali, kif ga spjegajt l-ahhar darba fix-xhieda tieghi, forsi jkolli kopja tax-xhieda iktar 'il quddiem.., na nafx x' inhi l-procedura ezatta biex ikolli kopja tax-xhieda tieghi ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ircivejniha bl-email pero`.

***Imhallef A Lofaro :***
Bl-email ma rcivejthiex. ..?

***Ix-Xhud :***
Ma rcivjethiex.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` l-inkwiet taghna huwa illi l-fatt illi intom ircivejtu dak ir-rapport minn ghand l-FIAU u dawk id-dokumenti illi kienu fid-dominju pubbliku f' idejkom, madanakollu l-iktar persuna li kienet ta' interess ghalikom illi biha stajtu tibnu verament il-kaz ma bghattux ghaliha.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, imma bir-rispett kollu ta', nhux li tibghat ghal persuna; li l-persuna tibghat ghalih meta jkollok f' idejk.., li jekk il-persuna mhux ser jammetti ha jkollok f' idejk tipprezentalu evidenza….li jghidulha d-disclosure..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Iva; Sur Cutajar ipprova ifhem ftit.

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, qed nifhem Sur Imhallef jien; qed nifhmek.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ipprova ifhimini ftit

***Ix-Xhud :***
Qed nifhmek Sur Imhallef

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti diga` ghandek rapport. Diga` ghandek dokumenti li qeghdin fid-dominju pubbliku …

***Ix-Xhud :***
Imma ma ghandekx evidenza

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma dawk id-dokumenti mhux diga` hija evidenza dik?

***Ix-Xhud :***
Le, hemm l-FIAU hemm l-intelligence report Sur Imhallef

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Trid tghidli inti li dawk l-emails.. dawk l-emails..

***Ix-Xhud :***
..l-FIAU.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-emails, l-emails illi hargu minn Nexia BT per ezempju, dik ma hijiex evidenza?

***Ix-Xhud :***
L-evidenza kienet qed tingabar sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Mela allura tista' tispjegali ghalfejn..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mela s-17 Black? L-evidenza li harget fuq is-17 Black dawk l-emails mhix evidenza dawk ukoll?

***Ix-Xhud :***
Da zgur li evidenza. Taghmel parti minn l-investigazzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela Sur Cutajar, ghadek kif ghedt li ma hassejtux il-htiega li tmorru tkellmuh jew li jigi jkellimkom; mela allura ghalfejn dak inhar is-Sur Abdilla u s-Sur Valletta.., jew is-Sur Abdilla wahdu, ma niftakarx, kienu sejrin Portomaso biex ikellmuh? Allura ttiehded id-decizjoni biex tkellmuh, mhux le.

***Ix-Xhud :***
Ahna ghal Keith Schembri qed nghidu jew ghal ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le; ghal Yorgen Fenech

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal Yorgen Fenech

***Ix-Xhud :***
Ehe; dak inhar kien sejjer ikellmu, kien ma jiflahx..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma allura jekk kien ma jiflahx ghaliex ma sarx appuntament iehor?

***Ix-Xhud :***
Ghax imbaghad l-investigazzjoni hadet binarju differenti

***Imhallef A Lofaro :***
Hadet binarju differenti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` inti taqbel illi l-parir ta' l-Avukat Generali kien limitat ghal Panama Papers. Ma kellkomx parir iehor.

***Ix-Xhud :***
Le le le; fuq il-Panama Papers kien.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Biss. Ma kellkomx parir iehor

***Ix-Xhud :***
Le le; fuq il-Panama Papers

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ghas-17 Black?

***Ix-Xhud :***
Le le; fuq il-Panama Papers

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri s-17 Black kien kollox f' idejkom.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tlatbux parir fuq is-17 Black minn ghand l-AG?

***Ix-Xhud :***
Nassumi bilfors li kien hemm xi kuntatt bejn …

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
U bilfors bilfors bilfors ghax saru l-ittri... saret talba ghal ittri rogatorji.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma inti ghaliex ma involvejtx ruhek personalment xi haga bhal din?

***Imhallef A Lofaro :***
Halla f' idejhom

***Ix-Xhud :***
Sur Imhallef, jiena ghandi skwadra ta' invetigaturi li nahseb esperti fuq xogholhom. Jiena r-rwol tieghi….

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk darba fil-gimgha...

***Ix-Xhud :***
Ir-rwol tieghi principalment hija li nsahhah l-ghodda..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhux biss ta’.

***Ix-Xhud :***
Iva all right. Kont nigi updated minn zmien ghal zmien kif xhedt l-ahhar darba; imma r-rwol principali tieghi hija kienet li mhux ninvestiga jiena personali..

***Imhallef A Lofaro :***
U kont tigi updated u lanqas taf jekk hadux parir legali fuq 17 Black jew le! Tassumi biss ghax ma tafx. Ma tafx. Bil-gurament ghedtilna li ma tafx.

***Ix-Xhud :***
Erga’ ghidli Sur Imhallef ghax ma fhimtekx.

***Imhallef A Lofaro :***
Inti ghedtilna li kont tircievi l-updates. Imma ghedtilna wkoll li ma tafx bic-cert jekk hadux parir minn ghand l-AG fuq is-17 Black

***Ix-Xhud :***
Bilfors kellhom.... ifhimni..

***Imhallef A Lofaro :***
Qed tassumiha.

***Ix-Xhud :***
Le le.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tafx.

***Ix-Xhud :***
Bilfors ghax kien hemm l-ittri regatorji Sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhux ghax taf minn xi briefings; dak il-punt tieghi.

***Ix-Xhud :***
La kien hemm l-ittri regatorji bilfors …

***Imhallef A Lofaro :***
Il-punt tieghi li mhux ghax taf mill-briefings; dak il-punt tieghi. U xhedtu inti u mhux jien.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri dak li sehh sas-17 Black u wasalna s' hemm. Jekk nigu issa ghal kaz tal-Pilatus biex nghaqduhom kollha …, inti min-naha tieghek, li gara pubblikament nafuh

***Ix-Xhud :***
Nirrepetih mhix problema Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, l-unika haga hija din, anke f' dak il-kaz … inti, tiftakar meta hrigt u staqsiek xi domandi xi gurnalista ghedtlu ahna nafu x' qeghdin naghmlu, halluna ghax f' idejna kollox miexi …;

***Ix-Xhud :***
Xiex?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta iltaqa' mieghek xi gurnalist wara li hrigt mir-restaurant. Tiftakar li inti ghedt lill-gurnalista - ghedtlu halli f' idejna ghax il-Pulizija taf x' qed taghmel

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx dan id-diskors. Hemm il-filmat hu

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela hemm il-filmat. Imma jigifieri…

***Ix-Xhud :***
Imma jien ma niftakrux dak ...

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-involviment taghkom f' dik ic-cirkostanza x' kienet?

***Ix-Xhud :***
L-ewwel nett nirringrazzja lill-Bord Sur Imhallef li tani l-opportunita` li fl-ahhar nohrog dak li xhedt fl-Inkjesta Egrant, ghax dan ga xhedtu fl-Inkjesta ta' Egrant, li nohorgu b' mod pubbliku, ghax dan jiena wkoll qlajt kritika u....

imma insomma, ma tispicca qatt! Jien ha nghid l-istorja ezatt kif grat dak inhar. Mela dak inhar l-20 ta' April 2017. Jiena kont qieghed ma' grupp Pulizija, kellna ikla. Waqt din l-ikla beda johrog mobiles u hekk, informazzjoni li kien hemm xi caqlieq..

***Imhallef A Lofaro :***
Online, mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Online. Kien hemm xi caplieq hdejn il-bank..

***Imhallef A Lofaro :***
Pilatus.

***Ix-Xhud :***
...Pilatus, Ta' Xbiex; fis-sens li sid il-Bank kien mar il-bank etc etc. Jiena mall-ewwel kif gejt inkonjizzjoni ma' din l-informazzjoni x' ghamilt l-ewwel jiena? Qbadt it-telephone u cempilt lis-Sur Valletta. Dan jista' jixhdu hu jigifieri; cempilt lis-Sur Valletta biex nipprocedu biex naraw ezatt kif nipprocedi. Jiddispjacini li ser ikolli nixhed dan, imma s-Sur Valletta qalli - ghadni kif qtajt minn ma' l-Avukat Generali. Mela s-Sur Valletta meta sar jaf b' dawn il-manuvri biex nghidilhom hekk,..

***Imhallef A Lofaro :***
Kellem lil Dr Peter Grech

***Ix-Xhud :***
Mall-ewwel cempel lil Dr Peter Grech. Il-parir ta' Dr Peter Grech lis-Sur Valletta, mhux lili, biex niftehmu, lis-Sur Valletta mhux lili kien li..; b' dak li ghandna f' idejna jigifieri semplicement kitba fuq blog ma ghandniex dik id-disclosure u ma hemmx .. tini cans Sur Imhallef; u m' hemmx.. ghax issa l-oportunita` li nghidha din,..

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, m' hemmx..?

***Ix-Xhud :***
M' hemmx dik l-underlining criminal offence li ghax semplicement sid ta' bank mar il-bank tieghu, naqbdu nirrejdjaw il-bank u narrestaw lis-sid tal-bank!

***Imhallef A Lofaro :***
Mela dak kien hemm il-parir ta' l-AG mela, all right.

***Ix-Xhud :***
Kien il-parir ta' l-AG. Imbaghad jiena tlaqt minn fuq il-post, inzilt l-ufficcju. On the way ghall-ufficcju, u qisu nahseb li kont wasalt l-Imsida, cempilli s-Sur Kurt Farrugia li dak iz-zmien kien l-OPM u qalli - ghandhom jigu l-ufficcju tieghek Dr Pawlu Lia u Dr Edward Gatt ..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva nafuha din, xi hadd qalilna diga`

***Ix-Xhud :***
…u Dr Edward Gatt, biex jaghmlu rapport f' isem…

***Imhallef A Lofaro :***
Minghalija kwerela kienet

***Ix-Xhud :***
Kwerela ehe

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Ix-Xhud :***
U iva, jiena ghedt rapport; kwerela

***Imhallef A Lofaro :***
U iva, kwerela, sewwa.

***Ix-Xhud :***
F' isem  il-Prim Ministru

***Imhallef A Lofaro :***
Li ghamilha l-Prim Ministru, iva.

***Ix-Xhud :***
Jiena cempilt lis-Sur Abdilla u cempilt lis-Sur Valletta…

***Imhallef A Lofaro :***
Biex jigu, mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
..biex jigu l-ufficcju tieghi; fil-fatt Dr ..

***Imhallef A Lofaro :***
Is-Sur Abdilla qalilna, iva; hu xhedha.

***Ix-Xhud :***
Ma fhimtx Sur Imhallef, mhux qed nifhem…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kompli kompli.

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt gie zgur is-Sur Abdilla; ghamilna rapport; ahna mhux jiena personali, ghalkemm insejt jekk kellimtux fil-bidu. Ghamilna rapport lill-Magistrat ta' l-Ghassa li dak iz-zmien kien Dr Aaron Bugeja, li fi ftit kliem il-kwerela.... ha nghidulha 'kwerela' issa mela, ha nghidulha kwerela, tal-Prim Ministru kienet illi l-Prim Ministru jew membri tal-familja tieghu setghu kienu involuti f' xi forma ta' korruzzjoni, l-allegazzjoni, kienet l-allegazzjoni; u li l-Bank Pilatus kien qed jintuza biex jigu mehlusa fondi u provinjenti minn l-Azerbaijan. Dak kien rapport li ghamilina ahna fuq il-kwerela li kellna ..

***Imhallef A Lofaro :***
Li kien hemm minn ghand il-Prim Ministru.

***Ix-Xhud :***
Il-Magistrat gie l-ufficcju tieghi u bdejna l-investigazzjoni fuq is-sahha ta' dik il-kwerela li kienet saret. Pero` dak inhar ta' meta s-sid mar il-bank dik kienet ir-raguni; dik kienet ir-raguni. Ghax inti hawnhekk all right, hawnhekk qeghdin bilqieghda hawn.. sorry, jien bil-wieqfa u intom bilqieghda f' din l-Awal; inti trid tpoggi ruhek f' dak il-mument. Jekk inti ha tmur kontra l-parir ta' l-AG, l-affarijiet imorru hziena, ghada pitghada tinfetahlek kawza; jiena ghand l-AG irrid immur biex niddefendi...

***Imhallef A Lofaro :***
Kellek parir ta' l-AG, ok

***Ix-Xhud :***
...biex niddefendi ruhi.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu hekk hu.

***Ix-Xhud :***
Jiena kif ser immur ghand l-AG meta l-parir tieghu kien li ma kienx hemm dik l-underlining criminal offence...

***Imhallef A Lofaro :***
Criminal offence.

***Ix-Xhud :***
...li fuq kitba fuq blog li tmur tarresta lis-sid tal-Bank u taghmel raid fil-bank! U nahseb dik kienet prattikament l-istorja. Jekk mhux qed ninsa xi haga. L-iktar dik ta' l-underlining criminal offence forsi d-diskors ma kienx …

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt jew preciz ,…

***Ix-Xhud :***
…preciz; imma dik kienet 'il dik taghha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa qed issemi illi ma sibtux underlying criminal offence

***Ix-Xhud :***
Dak il-hin, dak il-hin.

***Imhallef A Lofaro :***
L-AG hekk qalilhom…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dak il-hin. Pero` llum sirna nafu wkoll illi l-blog tas-sinjura Caruana Galizia kienet isservi bhala sors ta' information

***Ix-Xhud :***
Imma mhux evidenza Sur Imhallef

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sorry?

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux …?

***Ix-Xhud :***
Sors ta' informazzjoni

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sors ta' informazzjoni; allura l-ewwel haga li intom stajtu taghmlu ma kkomunikajtux maghha biex almenu ticcaraw il-veracita` jew l-awtenticita` ta' dak li kienet qed tippublika?

***Ix-Xhud :***
Jiena qatt ma kkomunikajt maghha imma ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Minhiex qed nghidlek titolbuha s-sors; ghax dik ma tistghux.

***Ix-Xhud :***
Jiena qatt ma kkomunikajt maghha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma tivverifikaw dwar l-awtenticita` ta' dak li kienet qed tippubblika.

***Ix-Xhud :***
Imma xorta jibqa' sors ta' intelligence Sur Imhallef

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma frott ta' dak l-intelligence ma kellekx an underlining criminal offence fejn stajtu tagixxu?

***Ix-Xhud :***
Ghadni kemm spjegajt; ghadni kemm spjagajt ghaliex agixxejt …

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri din hija kwistjoni ta' apprezzament soggettiv.

***Imhallef A Lofaro :***
L-AG qalilhom le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal haddiehor seta' kien hemm an underlying criminal offence imma l-assessment illi ghamiltu intom bhala Pulizija bil-parir ta' l-AG minn l-assessment soggettiv taghkom ma kienx hemm; u intom agixxejtu skont dan il-hsieb.

***Ix-Xhud :***
Mhux il-hsieb Sur Imhallef, il-parir.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Parir

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-parir ta’ l-AG.

***Ix-Xhud :***
Ghax hemm differenza bejn il-hsieb..! Imma trid tqis.. trid tpoggi ruhek inti fis-sitwazzjoni dak inhar.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Iva, dak li qed nipprova naghmel jien. Ddak, pero` ..

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt l-investigazzjonijiet bdew naqra iktar tard bl-Inkjesta Magisterjali

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mhux naqra! Naqra?

***Ix-Xhud :***
Imma dak inhar....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-verita` hi li l-ittra tal-kwerela tal-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien kienet ukoll ibbazata fuq allegazzjoni bla provi.

***Ix-Xhud :***
Iva imma kellna rapport hu. Kien hemm rapport imma. Kien hemm kwerela

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak agixxejtu fuq ir-rapport.

***Ix-Xhud :***
Da zgur! Kien hemm kwerela.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Intom fil-kaz ta’ Pilatus Bank, dana issemma qabel f’ xi rapport ta’ l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Bl-amment ma nafx Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le imma importanti ghalina.

***Ix-Xhud :***
Imma bl-amment ma nafx.. ifhimni, bl-amment ma nafx jekk issemmiex f' xi report iehor. Kif spjegajt l-ahhar darba jiena r-rapporti ta' l-FIAU ma kienux jghaddu minn taht idejja. Ma nistax nixhed bil-gurament jekk issemmiex jew ma ssemmiex hu!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fair enough. Preo` inti tifhem illi jekk.. 'jekk', ghax jiena wkoll ma nafx…, jekk dan il-fatt jirrizulta mir-rapporti ta' l-FIAU allura ghandek il-fatt mhux prova msemmi fl-FIAU u ghandek imbaghad il-fatt materjali li dan kien qed jahrab jew johrog mill-bank tieghu under suspicious circumstances. Dak allura lilek ma jikkonvincikx li kellek taghmel xi haga?

***Ix-Xhud :***
Jiena l-iktar li nista' nghid Sur Imhallef, jiena ricerka zghira ghamilt, ricerka zghira ghamilt. Minn 1999 qatt ma rrizultali li kien hemm xi investigazzjoni .. (u hadt nota ara halli nibqa' niftakarha) li saret jew bdiet fuq semplici blog. Minn 1999. Issa blog seta'..; ghax il-kwistjoni hija din; jekk bniedem, ghax hawn ir-ragunar kollu qieghed, jekk bniedem filghodu iqum, jew bniedem huwa regolari fil-blogs, jghid isma', fit-tali bank…; tini cans nispjega naqra. Fit-tali bank qed isir ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Abbuz.

***Ix-Xhud :***
…abbuz, allura jiena b' dak il-blog tahseb li ghandi underlining criminal offence biex immru nirrejdja l-bank u narrestah fuq il-blog?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Da zgur li le! Kull ma ghandek - ghandek bozza hamra tixghel u jista' ikun li hekk hu

***Ix-Xhud :***
Ghandek bozza hamra… u jista' ikun li hekk hu; bir-rispett kollu, iva jista' ikun li hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sur Cutajar, tinsiex li l-Pulizija ma ghandhiex biss l-obbligu li trid issolvi d-delitti! Ghandha l-obbligu li ma thallix delitti jsiru; issa daka qed nitkellmu f' dan il-livell ahna. Ghandha l-obbligu li kemm jista' ikun lid-delitt ma jsehhx.

***Ix-Xhud :***
Imma ifhimni, iva. Imma issa ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva; imma ghandna din is-sitwazzjoni li kulhadd jafha; mhux qed nivvintawha ahna din! Din sitwazzjoni illi pprecipitat jista' ikun ippreciptat minhabba nuqqas ta' azzjoni hu!

***Ix-Xhud :***
Imma f' dan il-kaz ma kienx hemm nuqqas ta' azzjoni Sur Imhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Le?

***Ix-Xhud :***
Ma kienx hemm nuqqas ta' azzjoni. L-azzjoni ttiehdet fil-mument opportun; u nerga' nghid, trid tqis is-sitwazzjoni f' dik il-gurnata, mhux illum

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma again, jiena nifhem illi tigi tghidli illi ahna ma ahniex ser niehdu azzjoni fuq semplici blog illi tghid illi f' certa bank hemm l-abbuzi! Imma meta l-blog stess jaghtik certa informazzjoni liema informazzjoni ma setghetx harget jekk mhux minn dak il-bank, allura mod iehor. Hawnhekk m' ghandekx iktar allegazzjoni fl-arja! Imma ghandek circumstantial evidence illi inti ghandek dritt, ghandek id-dover illi tinvestiga. Ok, nafu xi tfisser circumstantial evidence; wehidha, wehidha mintix ser twassal ghal conviction sakemm din ma twassalx ghal soluzzjoni ghal indikazzjoni wahda! Nafuha, tghallimniha din. Mela intom hawnhekk f' din is-sitwazzjoni kellkom hafna circumstantial evidence illi din tista' twassal ghal konkluzjoni wahda, u madanakollu din is-circumstantial evidence kollha skartajtuha.

***Ix-Xhud :***
Ghal liema? Ghal ta' Pilatus qed tghid?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal ta' Pilatus ghal ta' kollox hu.

***Ix-Xhud :***
Ma naqbilx…skuzani Sur Imhallef imma ma naqbilx ma' din l-analizi; skuzani.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq l-ahhar domanda; ghal Pilats.. ghax dina daqsxejn..; kellek cirkostanza issa fejn il-Prim Ministru jghidlek qed jinfamawni ghaliex qed jghidu li ahna ..

***Ix-Xhud :***
Saret kwerela.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…kwerela. Li jiena u l-familja tieghi ghandhom xi involviment f' kumpanija li tista' tkun konenssa ma' Money Laundering, hux hekk? Din l-evidenza, allegatament evidenza, qieghda fil-Bank Pilatus skont l-informazzjoni li hemm, ghaliex hekk kienet l-informazzjoni kollha dokumentata

***Ix-Xhud :***
Il-kwerela, dak.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fil-kwerela ..

***Ix-Xhud :***
Dak rapport li refa' ir-responsabbilta` ta' l-allegazzjoni

***Imhallef J Said Pullicino :***
Min barra l-kwerela hemm ukoll fatti ohrajn li kienu hargu dak iz-zmien, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
X' fatti hargu imma .....

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-Egrants allura, ghalija dak iz-zmien, l-Egrant kienet kumpanija bla isem, u ghadha sal-lum bla isem, tajjeb? Bla persuna, no owner. Mela jekk hu hekk, inti, il-Pulizija mhux suppost li toqghod tara – hares, hawnhekk kif hawn kumpaniji li allegatament ghamlu tranzazzjonijiet.., mhux suppost tiehu dan..

***Ix-Xhud :***
Mhux dak xoghol ta' l-iskwadra tal-Money Laundering Sur Imhallef? Kif qed tispjegah preciz inti

***Imhallef J Said Pullicino :***
Allura dan sar?

***Ix-Xhud :***
Mela ma jsirx investigazzjoni? Mela ma sarx!

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-istess japplika ghal kumpaniji ohrajn bhal Macbridge per ezempju. Il-Macbridge l-isess, hawn allegazzjonijiet li bhas-17 Black, allura dawn il-Pulizija x' involviment kellha biex tipprova tasal biex tara min huma l-persuni li jistghu jkunu involuti?

***Ix-Xhud :***
Imma mhux ga spjegajt Sur Imhallef jahasra!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma spjegajt ..

***Ix-Xhud :***
Ghax inti, ismaghni ftit, it-teorija.., skuzani issa ta, kif qed nifhem jiena, qed nipprova inkun edukat kemm niflah ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, ghandek ragun

***Ix-Xhud :***
It-teorija li l-ewwel tibghat ghal persuna u mbaghad tigbor l-evidenza jien ghalija ma tregix.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dan qed nitkellmu fuq bank; fuq bank li ma ghandekx responsabbilta`

***Ix-Xhud :***
Ikun xi jkun; ikun x' ikun Sur Imhallef.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minhiex qed nghidlek biex tinvestiga l-bank. Tinvestiga l-persuni li fethu l-kont

***Ix-Xhud :***
Imma kif tista' tinvestiga l-persuni jekk irid ikollok … mhux intelligence irid ikollok f' idejk!, irid ikolluk l-evidenza; li jekk il-persuna mhux ser jikopera mal-Pulizija ghandek biex ..

***Imhallef A Lofaro :***
Kieku mortu gibtu s-servers forsi kien ikollok

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kellkom jahasra, kellkom l-evidenza; kellkom l-emails taghhom stess

***Imhallef A Lofaro :***
U servers ukoll.

***Ix-Xhud :***
L-evidenza ghadha qed tingabar Sur Imhallef
***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn l-emails ma kienux evidenza ghalikom

***Imhallef A Lofaro :***
U ma mortux ghas-servers.

***Ix-Xhud :***
U mela, mhux kollox jaghmel parti minn l-evidenza?

***Imhallef A Lofaro :***
Ma mortux ghas-servers.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Cutajar, fil-konfront ta' Pilatus Bank nghid sewwa illi anke s-sid ta' Pilatus Bank kien prezenta rapport lill-Pulizija sabiex jinvestigaw kif kien hemm leak ta' dokumenti mill-bank?

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarhiex din.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalfejn ma tiftakarhiex?

***Ix-Xhud :***
Tajba din! Ghax ma niftakarx. Heq heq! Nara l-file; uruni l-file ha nara ftit u nikkonferma jew le.

***Imhallef A Lofaro :***
Dak inhar kellek in-notamenti inti. Ma gibthomx mieghek id-dokumenti.

***Ix-Xhud :***
M' ghandix nota fuq dan.

***Imhallef A Lofaro :***
M' ghandekx.

***Ix-Xhud :***
Jien noti tieghi ghandi mhux dokumenti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Hawnhekk kien hawn xhieda jidhirli tas-Sur Abdilla li kkonferma illi Pilatus Bank huma stess kienu prezentaw rapport lill-Pulizija, kwerela, u talbu lill-Pulizija jinvestigaw leaks ta' dokumenti mill-bank. Ir-referenza kienet ghad-dokumenti li Daphne Caruana Galizia kienet qed taghmel referenza ghalihom fil-blog taghha u li ghamlu anke referenza ghalihom xi gazzetti u media ohra. Dan ir-rapport ingab ghall-attenzjoni tieghek?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri jekk nghidlek illi l-bank stess kien hareg press release fejn kien qal illi talab lill-Pulizija jinvestigaw ksur ta' ligi penali minhabba li kienu gew ippubblikati dokumenti tal-bank konfidenzjali, inti lanqas b' din il-press release ma giet ghall-attenzjoni tieghek?

***Ix-Xhud :***
Bhal issa mhux qed niftakar ….

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Sur Cutajar, fejn konna qed nitkellmu dwar il-laqgha ma' Yorgen Fenech f' Portomaso kien hemm ic-change of hearth dwar dik il-laqgha minhabba telefonata tas-Sur Valletta. Wara dik ghedtilna li mbaghad ma ergajniex inkellmu lis-Sur Fenech..

***Ix-Xhud :***
Investigazzjoni li hadet binarji differenti

***Imhallef A Lofaro :***
Hadet binarju iehor.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghedtilna illi ma ergajniex morna nkellmu lis-Sur Fenech ghax l-investigazzjoni hadet binarju iehor. Issa qed naraw illi l-kwerela ta' Pilatus Bank ma ingabietx ghall-attenzjoni tieghek, u allura ser nerga' insaqsik l-istess..

***Ix-Xhud :***
Insejt hu!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
….domanda illi staqsiek il-Bord qabel. Inti, issa li taf ukoll b' dawn l-affarijiet u b' ohrajn bhal relazzjoni tas-Sur Valletta mas-Sur Fenech, inti illum ghadek ghandek il-fiducja shiha fis-Sur Valletta u fis-Sur Abdilla?

***Ix-Xhud :***
Jiena l-fiducja tieghi fis-Sur Valletta nerga' nghid inhares lejha minn att ta' rizultati; din li ha nirrispondi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U qed tiddistingwi bejn is-Sur Valletta u s-Sur Abdilla?

***Ix-Xhud :***
Dik ser nirrispondi; dik ha nirrispondi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghad ghandek fiducja fis-Sur Abdilla?

***Ix-Xhud :***
Mela jiena ghad ghadni Kummissarju tal-Pulizija!

***Imhallef A Lofaro :***
Is-Sur Abdilla l-istess?

***Ix-Xhud :***
Jiena ma ghadnix Kummissarju tal-Pulizija; issa jiena..!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-ahhar gurnata li kont Kummissarju tal-Pulizija kellek fiducja fis-Sur Abdilla? Ghax wiehed forsi arrestalek tliet min-nies.

***Ix-Xhud :***
Imma hu pacenzja ftit ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
..imma l-iehor lil min arrestalek?

***Ix-Xhud :***
Is-Sur Abdilla, l-linja ta' l-investigazzjoni tieghu meta kellna xi briefings dejjem kienet wahda plawsibbli. Ma kienx lok li jiena ma jkollix fiducja fih fis-Sur Abdilla! Ghaliex ma jkollox fiducja fis-Sur Abdilla?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
F’ xi mod f’dawn il-investigazzjonijiet ..

***Ix-Xhud :***
Qisek qed tghidli li bilfors irrid nohrog…!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
F’ dawn l-investigazzjonijiet tal-Panama Papers, tal-Pilatus Bank, tar-rapporti ta’ l-FIAU, kien hemm xi darba fejn tlabtu l-ghajnuna ta’ l-MSS ghax forsi intom ma stajtux taslu ghall-informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
L-MSS jiena personali ma tlabtx. Pero` fuq MSS skuzani, ma nistax nirrispondi mistoqsijiet fuq l-MSS. Issa jekk jitla’ l-kap ta’ l-MSS u jirrispondi ghalihom hu. Issa qatt ma kont il-kap ta’ l-MSS jien.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghandek ragun. Ha niehdu angolu iehor. L-assassinju tas-sinjura Caruana Galizia gara f’ Ottubru 2017. Issa jien ghandi l-impressjoni forsi zbaljat, Kummissarju, li dik kienet l-ahhar bomba li saret Malta, tipo sa fejn naf jien

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe hekk jidhirli

***Ix-Xhud :***
Hekk jidhirli ta’.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk jidhirli hu.

***Ix-Xhud :***
Ghalkemm minhiex mija fil-mija..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` qabel dak inhar kienu saru diversi kazijiet ta’ bomba anke fi zmien meta kont inti Kummissarju

***Ix-Xhud :***
Saru; saru taht kull Kummissarju Sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Veru veru..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva iva; ma ghandix dubju

***Ix-Xhud :***
Bid-differenza li tahti gew solvuti ghallinqas xi haga minnhom

***Imhallef J Said Pullicino :***
Saru taht kull Kummissarju u taht kull amministrazzjoni. Issa inti bhala Kummissarju, issa mhux bhala Economic Crimes qed nitkellmu, qed nitkellmu..

***Ix-Xhud :***
Serious crimes

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti, donnu jidher, almenu l-idea barra hekk hi, illi l-persuni akkuzati llum bil-qtil ta' Caruana Galizia setghu kienu involut wkoll f' xi delitti ohrajn; mhux ser nidhlu fihom ahna hhax ahna mhux ser nakkuzaw lil hadd. Pero` bhala fatt, inti tirrizultalek illi dawn in-nies kienu maghrufa qabel?

***Ix-Xhud :***
Li n-nies kienu maghrufa nista' nikkonferma, pero` nista' nghid ukoll li f' kull kaz, mhux karozzi bomba biss, f' kull kaz dejjem saret investigazzjoni, saret investigazzjoni ezawrita....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, imma mhux din id-domanda ta; id-domanda twassalni ghax.., id-domanda fiha nnifisha.. ma ghandix dubju li l-Pulizija ghamlet li setghet, fair enough; pero` jirrizultalna issa illi dawn it-tlieta min-nies jew uhud minhom kellhom konnessjonijiet ma' nies ohra, fthemna? Fil-politika, fin-negozju. Allura jinteressani nkun naf jien jekk il-Pulizija lil dawn in-nies f' tul l-erba snin li kont inti Kummissarju kellheix ghajnejha fuqhom dawn in-nies? Ghax apparentement.. qed nitkellem layman, u qieghed barra jien li nisma' mit-triq, tajjeb? Jghidulek ..

***Ix-Xhud :***
Gie li gew investigati fuq affarijiet ohra. Imma hawnhekk irridu naghmlu naqra distinzjoni Sur Imhallef imma ta! Ghax inti ghandek il-Korp tal-Pulizija, all right, to prevent, pero` huwa limitat kemm jista' jigbor intelligence. Ghandek rizorsi ohra barra l-Korp tal-Pulizija li tista' tigabar inelligence fuq dawn in-nies u tkun xerjata mal-Pulizija. Ghandek is-Secret Service; nahseb li iktar jistghu jirrisponduhielek huma jekk kellhomx xi informazzjoni, jekk dawn in-nies kellhomx xi konnessjonijiet kriminali. Ghax ahna qed nitkellmu

fuq konnessjonijiet kriminali. Jekk kellhom u giet stabbilita minn l-MSS, dawn bla dubju qasmuhom ma' certu investigaturi; l-informazzjoni li jkun… ghax hawnhekk il-crux taghha, l-informazzjoni li jkollhom l-MSS ta' Sur Imhallef ma jigux biha ghandi ta! Jaraw l-investigatur fil-kaz partikolari min hu, bhal kazi ta' drogi u hekk, u jghadduha lilhom. Ninety nine point nine percent jiena din l-informazzjoni ma nkunx naf x' inhi. Mhux ha jigu joqghodu lili! Ghax din qisu…; ghax meta ghedtha din, il-Kummissarju! Kollox il-Kummissarju!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghandek ragun.

***Ix-Xhud :***
Il-Kummissarju ghalhekk ghandu l-ispecialize branches, Ghandu l-investigaturi etc etc., heq!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghandek ragun.

***Ix-Xhud :***
U jiena bir-rispett kollu Sur Imhallef, ghax lghabt naqra old school! Bhal ma qaluli minn hawn; old school taghmilli unur lili ta' jigifieri! Taghmilli unur; tafuni intom jigifieri, li …mieghi. Ghax provajt naqra l-old school biex nipprova nigbor ervidenza li setghet tkun decisiva barra r-responsabbilta` kollu li erfajt fuq spallejja jiena wkoll inqala' tsunami! Ukoll inqala' tsunami ghax provajt nahdem il-mod ta' invetigatur. Allahres li kont investigatur f' dawn il-kazi wkoll ghax kieku jivvintaw il-pieni kapitali! Le le, ghax hekk nibda nahseb jien, hekk nibda nahseb. Mela jien involvejt ruhi u erfajt ir-responsabbilta` kollu biex jingabru ..biex tingabar evidenza, u mhux ser noqghod nidhol fil-kaz, kulhadd jaf x' inhu u fuq xiex qieghed nitkellem, u ma nafx x' ma gejtx akkuzat; imma insomma. Messni ghamilta ta' investigatur f' dawn il-kazi wkoll! Qed nghdlek, kienu jitolbu l-piena kapitali zgur. zgur.
Ir-rwol tal-Kummissarju Sur Imhallef, ir-rwol tal-Kummissarju principalment.. dan kulhadd, dan kull Kummissarju ghandu l-mod..

***Imhallef A Lofaro :***
L-istijl tieghu

***Ix-Xhud :***
..il-mod tieghu. Hemm min kien dirett iktar involut fl-investigazzjoni, u kien hemm min hu bhali iktar involut fuq administration, li nsahhah lill-Korp, li nsahhah it-taqsimiet ta' l-investigazzjoni. Jien ghalija dak kien ir-rwol principali. Mhux qed nghidlek li l-Kummissarju ma' ghandu l-ebda

responsabbilta`! Anzi! Ghandu responsabbilta` ta' kollox. Imma ejja issa responsabbilta` ta' kollox kemm fit-tajjeb u kemm fil-hazin. Hadd ma jsemmiha li fi tliet snin u nofs li ghamilt Kummissarju jien ir-rata ta' kriminalita` naqset b' ghaxra fil-mija! U fit-tliet snin qbadna droga daqs kemm inqabdet f' ghaxar snin - hmistax-il sena qabel f' daqqa! Ara dawk le; ghax il-hazin..! dik il-percezzjoni tan-nies hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghandek ragun; pero` l-problema li ghandna hawn hija illi l-kazijiet li qed nitkellmu fuqhom huma tant gravi u tant huma unici.., ghax dawn huma singulari, li jkollok dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn..

***Ix-Xhud :***
Imma..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma din il-problema. Allura inti s-sorpriza tieghi hija kif f' cirkostanzi bhal dawn ir-rizorsi kollha, kollha, tal-pajjiz

***Ix-Xhud :***
Kollha; ir-rizorsi kollha tajthom.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva imma ifhimni ftit, ma nafx; ghax kienu ineffikaci eh; ghaliex nistenna li r-rizorsi kollha jkunu maqghudin kollha flimkien biex isolvu l-problemi. Mhux fl-ahhar meta jigri l-istorja! Qabel fil-bidu, meta jibdew. Ghax meta inti ghandek akkuzi bhal dawn f' certu livell tippretendi li dawk l-akkuzi immedjatament jigu rinfaccjati, tajjeb? L-ewwel b' mod minn taht biex hadd ma jinduna, imma naffronthom. Naffranthom kif ser nittekiljaw dawn is-sitwazzjoni; u din ma saritx, ma saritx

***Ix-Xhud :***
Le ma saritx bir-rispett kollu ma naqbilx mieghek.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le ha nghidlek, saret .

***Ix-Xhud :***
Ma naqbilx mieghek.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nghdilek .

***Ix-Xhud :***
In-nies hemm barra taf x' inhi? In-nies hemm barra taf x' inhi? Ismaghni ftit..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sur Cutajar, il-problema hija din; inti l-impressjoni li qed niehdu minn din in-naha illi ittrattajt dawn il-kazijiet serji ghal kazijiet ohra serji. Imma x' hemm wasalna. Jigifieri u dan li jinkwetani jien; illi ma tistax ..

***Ix-Xhud :***
Iva ha nghiduha kif inhi; it-tnejn ghandna z-zmien, it-tnejn ghandna l-esperjenza. Il-percezzjoni tan-nies hemm barra, jien niftakar fl-antik, fl-antik fit-tmeninijiet, kien ikollok delitt. Delitt serju, murder. Karozza bomba. Il-Pulizija kienet tibghat ghal ghaxra min-nies. Dan, kif ghedt, dan gieli.. dan nafuh, ibghat ghalih arrestah, hudlu statement. Ifhimni, jigik, jghidlek jiena ma rridx nitkellem, jew jiena.. ma jikkoperax. Imma ghal percezzjoni tan-nies hemm barra l-Pulizija qieghda tarresta n-nies. Forsi vera dak kien nuqqas, ghax il-percezzjoni tan-nies hemm barra qisha ghax persuna ma jigix arrestat allura ma qed isir xejn. Din mhux xi sigriet jigifieri! Ma qed isir xejn. Imma mhux vera. Mhux dak il-fatt. Mhux hekk graw l-affarijiet. Kien hawn l-investigaturi li spjegaw ukoll; ahna 'l dik taghna kienet l-ewwel nigbru l-evidenza, kif ikollok l-evidenza f' idejk u jkollok id-disclosure tibghat ghal persuna.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma dawn kollu xorta ipprovajtu tkellmu lil Yorgen Fenech.

***Ix-Xhud :***
Imma mbaghad ifhimni jiena.., vera provajna pero` ma nahsibx li kienet ser taghmel xi differenza kbira fl-investigazzjonijiet

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma dika le, ma tistax tghidha; ma tistax.

***Ix-Xhud :***
Ifhimni ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma provajtu.

***Ix-Xhud :***
Imma ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma provajtu, li hija haga tajba. Pero` ma’ Brian Tonna, Karl Cini u l-ohrajn ma ghamiltuhiex din.

***Ix-Xhud :***
Minghalija hemm... ghax issa qed nitfixkel l-ismijiet..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Almenu ma Yorgen Fenech ipprovajtu

***Ix-Xhud :***
L-ahhar darba xhedt imma ghal min tkellimna

***Imhallef A Lofaro :***
...lanqas marru mbaghad; ma regghux marru.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma ma’ dawn li semmejtlek ma provajtux lanqas hekk

***Ix-Xhud :***
Ma’ wiehed minghalija jiena semmejtu l-ahhar darba. Imma ifhimni, xorta, ifhimni naqra, jien ghalija jiena ‘l dik tieghi hija li jkollok l-evidenza f’ idejk u titkellem man-nies.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok; issa mbaghad naslu ghal konkluzjoni taghna. X’ iktar?

***Ix-Xhud :***
Le pero`, issa fuqi personali; li kif ghedt l-ahhar darba jiena; jiena tlaqt f’ Jannar, fis-16 ta’ Jannar tat-2020; u l-investigazzjoni baqghu miexjin kif hallejthom jiena Sur Imhallef. Dan punt li jiena rrid naghmel enfasi fuqu.

***Imhallef A Lofaro :***
Dr Azzopardi

***Dr Jason Azzopardi :***
Bil-permess tal-Bord xi affarijiet specifici. Sur Cutajar, mela dak inhar ta’ l-assassinju kien hemm certu leaks ta’ ritratti fix-xena tad-delitt inkluz ritratti makabri b’ partijiet tal-gisem murija; u dawn bdew jigu cirkolati fuq is-social media. Li xtaqt insaqsik jekk dan il-fatt kienx ingieb ghall-attenzjoni tieghek ..

***Ix-Xhud :***
jidhirlix li kien ingieb ehe anke ghall-attenzjoni tal-Magistrati jidhirli jiena.

***Dr Jason Azzopardi :***
Nirringrazzjak. U sa fejn taf jew tiftakar x' passi ittiehdu jew kienx..

***Ix-Xhud :***
Ma ttiehdux passi kontra xi persuna partikolari fuq dan il- ...

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma giex identifikat il kif..?

***Ix-Xhud :***
No no.

***Dr Jason Azzopardi :***
Inti, il-Pulizija li kien fuq il-post tax-xena tad-delitt, ekx illum irridu nghidu nahseb, dak iz-zmien kien Pulizija, Ramon Mifsud, tiftakar, tiftakar illi dak ..

***Ix-Xhud :***
Fuq ix-xena tad-delitt ma jidhirlix ta!

***Dr Jason Azzopardi :***
Kien dak inhar tax-xena tad-delitt illi ppowstja fuq il-facebook tieghu ..

***Ix-Xhud :***
Iva hekk hu.

***Dr Jason Azzopardi :***
...kummenti ...

***Ix-Xhud :***
Hekk hu, nikkonferma

***Dr Jason Azzopardi :***
...fil-fehma tieghi ta' tqalliegh fejn qal li kien ferhan ghal dak li kien sehh; hux hekk? Ghax hadet li kien haqqha.

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jiena naf illi meta inti kont mistoqsi mill-media inti wegibt illi kien qed ikun taht investigazzjoni.

***Ix-Xhud :***
Nikkonferma.

***Dr Jason Azzopardi :***
Sa sena wara, sa Ottubru 2018 Mifsud kien ghadu jidher membru tal-Korp tal-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Nikkonferma.

***Dr Jason Azzopardi :***
Xtaqt insaqsik jekk sakemm inti kontx fil-kariga ta' Kummissarju x' kien irrizulta u x' passi jekk ittiehdu x' passi ittiehdu fil-konfront ta' dan il-persuna?

***Ix-Xhud :***
Mela l-ewwel nett naghmluha cara, ghax anke forsi percezzjoni tan-nies hemm barra li ahna public officers, allura ahna mhux bhal l-Armata bniedem jaghmel xi haga u tkeccih fuq il-post. Dik il-haga jiena ma stajtx ghamiltha.. ma nistax naghmilha. Jiena kif gejt in konjizzjoni mal-kaz ta' Ramon Mifsud mall-ewwel hadt azzjoni biex jittiehdu passi kontra tieghu. Fil-fatt htart ukoll Bord ta' Inkjesta immexxi minn Assistent Kummissarju, dan nghidulu l-Bord tal-PSC ahna, biex niftehmu. Jiena biex naghmilha din il-haga jiena ktibt lill-PSC biex jikkonfermali l-kontenut tal-Bord u informajt lill-PSC bl-akkuzi li konna qeghdin niehdu kontra s-Sur Mifsud. Il-Bord inhatar ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti issuspendejtu hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Jien issuspendejtu dak il-hin.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issuspendejtu.

***Ix-Xhud :***
Issuspendejtu nista', nissospendih nista'. Gie sospiz dak il-hin. Inhatar il-Bord immexxi minn assistent Kummissarju, jekk minhiex sejjer zball ic-Chairman tal-Bord kien is-Sur Antoine Casha jekk minhiex sejjer zball, u zewg membri

ohra mlahhqin fil-Korp. Pero` x' kien qed jigri? Is-Sur Ramon kull darba li tigi apputata seduta beda jipprezenta certifikat, allura din is-seduta..... maz-zmien pero`, maz-zmien pero` dan waqa' nofs paga, jigifieri baqa' spopiz, pero` jiena sa Jannar ta' din is-sena s-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess; li s-Sur Ramon Mifsud kien ghadu qieghed b' nofs paga. Pero` passi ttiehdu mal-ewwel u gie sospiz mall-ewwel.

***Dr Jason Azzopardi :***
Inti ghamilt dak li stajt taghmel.

***Ix-Xhud :***
Ma stajtx naghmel iktar minn hekk jiena.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa Sur Cutajar, f' Awwissu ta' l-2015 inti jekk tafx, jekk kellmukx, gejtx infurmat....

***Ix-Xhud :***
Ma kontx Kummissarju jien eh!

***Dr Jason Azzopardi :***
Pero` sussegwentement bhala Kummissarju jekk kontx informat, din xi haga pjuttost importanti u stramba; Malta, skont rapport tal-BBC kienet irrifjutat talba minn l-Indja biex persuna bil-kunjom Modi jkun estradit fuq akkuzi ta' hasil ta' flus. Tghidli – jiena x' ghandi x' naqsam, Awwissu 2015 jien ma kontx Kummissarju tal-Pulizija! Pero` minn l-investigazzjonijiet illi Daphne Caruana Galizia kienet ghamlet kien sar maghruf illi l-kuntatti ta' dan il-persuna f' Malta kienu Keith Schembri u Adrian Hillman. U l-agent tal-passaport tieghu Brian Tonna, ghax dan ried jixtri passaport Malti. U meta kien wasal Malta intlaqa' fl-airport min driver mibghut minn l-ufficcju tal-Prim Ministru. Dawn  huma kollha open source mis-sit tas-sinjura Caruana Galizia; u li kien irrizulta li kellu anke konnessjonijet fil-Montenegro. Sa fejn taf int, sa fejn kont infurmat jekk kontx infurmat ghandek xi hjiel li tista' taghtina fuq dan il-persuna fuq dan il-kaz?

***Ix-Xhud :***
Dak iz-zmien jiena kont Assistent Kummissarju inkarigat mit-Taqsima ta' l-Imigrazzjoni; jigifieri lanqas… pero` anke wara li fit-2016 sirt Kummissarju, hadd ma tani xi dettalji fuq dak il-kaz.

***Dr Jason Azzopardi :***
Grazzi hafna Sur Cutajar. Sur Cutajar, is-SEMTEX u l-Fuel Smuggling. Fl-ewwel sieghat, litteralment sieghat wara l-omicidju ta' Daphne Caruana

Galizia, minn l-ghada stess bdew b' mod persistenti nkluz bl-involviment ta' eks Brigadier tal-Forzi Armati, ghal Maurice Calleja qed nirreferi, pero` ghal diversi istanzi jigi anke fuq l-istazzjoni nazzjonali diversi rapporti illi l-bomba l-materjal splussiv kien identifikat bhala Semtex... li huwa military grade, grade explosive u kien maghmul ukoll.. Maurice Calleja kien qal he was convinced that the bomb was manufactured in Malta, fil-fatt dana kien l-ghada ta' l-omicidju f' intervista tieghu fuq One News. Sa fejn taf inti, ghax inti biex inkun leali mieghek u mal-Bord, inti, jien ma sibtx istanza fejn darba inti semmejt is-Semtex jew il-fuel smuggling, ha nkun leali mieghek. Pero` sa fejn taf inti, inti kont il-Kummissarju fl-ewwel sieghat ta' dan il-kaz li xxokkja l-pajjiz diga` bdew hiergin bil-mod qisu...

***Ix-Xhud :***
Jiena.. jiena..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ippermettili.; .. koordinat Semtex, u li l-mottiv kien il-kutrabandu tal-fuel. X' taf tghidli jekk tista' fuq dawn iz-zewg affarijiet?

***Ix-Xhud :***
Jiena li nista' nghidlek huwa li jiena li… mhux ma nistax nifhem ta!, ghax qed nitkellmu hawn fuq is-Sur Calleja qed nitkellmu fuq espert kif tista' tasal ghal konkluzjoni x' materjal fih.. x' kien fiha l-bomba l-ghada jew ftit sieghat wara ta' x' tip ta' bomba kienet. Jiena din ma jien ser nifhimha qatt. Bniedem ghandu dritt.. jista' jghid l-opinjoni tieghu, imma jiena ma jien ser nifhimha qatt. Jiena, semmejtli hafna affarijiet inti. Fil-bidu ta' l-investigazzjoni inti tibda tara s-sorsi kollha, s-sorsi li semmejt inti, sorsi ohra, sorsi forma ta' intelligence li jistghu..; pero` li nista' nghid hawn jiena, li ahna l-investigazzjoni taghna kienet 99 % ibbazata.. u forsi ghalhekk wasalna f' qasir zmien ghal tliet persuni biex jitressqu l-qorti, kienet ibbazata totalment fuq evidenza forensika. Hemmhekk konna fiducjuzi ahna li stajna ngibu r-rizultati. Pero` li qed tghid inti iva, vera wkoll.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa la inti qed tikkonferma ..

***Ix-Xhud :***
Kienu sorsi li stajna.. li gew f' ras l-investigaturi.

***Dr Jason Azzopardi :***
Hekk hu; niehu gost li qed tikkonferma dak illi kont qed naghmel referenza ghalih. Jirrizultalek ghaddielek mill-kuriduri ta' mohhok illi dawn is-sorsi, xnieghat, kienu hiergin minn l-ufficcju tal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Le

***Dr Jason Azzopardi :***
No. No.

***Ix-Xhud :***
Le le, zgur li le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fosri Dottore, id-domanda tista' tkun.. li s-suggeriment li seta' kien hemm konnessjoni man-negozju taz-zejt; din minn fejn gibtuha intom?

***Ix-Xhud :***
Min sorsi ta' intelligence ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' intelligence

***Ix-Xhud :***
Il-blogs jintuzaw.. ghax din, jintuzaw bhala intelligence.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva.

***Ix-Xhud :***
Imma l-investigazzjoni kienet ibbazata fuq dik forensika.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu hekk hu. Id-domanda hija ghal motiv, l-idea hija ghal motiv x' inhi r-raguni, mhux..; materjalment intom solvejtuh ..

***Ix-Xhud :***
Fil-bidu jkollok delitt bhal dak Sur Imhallef, tkun fl-arja.

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-ewwel haga li taghmel..

***Ix-Xhud :***
Tibda tara minn fejn ser tibda taqbad ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U l-ewwel haga li taghmel tigbor l-evidenza.

***Ix-Xhud :***
Dik dejjem

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mill-ewwel; dik dejjem tigbor l-evidenza.

***Ix-Xhud :***
Dik dejjem.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa xi haga ohra Sur Cutajar. L-uniku press conference illi inti ghamilt fuq dwar dan id-delitt kien jumejn wara l-assissinju mas-Sur Valletta, naqblu?

***Ix-Xhud :***
Mas-Sur Valletta jidhirli li kien hemm xi hadd iehor imma ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Imma pincipalment mas-Sur Valletta..

***Ix-Xhud :***
Kien hawn is-Sur Valletta konna ehe.

***Dr Jason Azzopardi :***
Anzi hafna mid-diskors – minn l-indirizz sar mis-Sur Valletta; qieghda online kulhadd jista’ jaraha; fid-19 ta’ Ottubru. Wara dak inhar, dan huwa fatt, kull public announcement fuq il-kaz sar mill-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien. Fid-19 ta’ Novembru tas-sena li ghaddhiet hekk kif gie arrestat Yorgen Fenech kien il-Prim Ministru li ndirizza l-media fuq dan is-suggett u qallihom illi l-investigazzjonijiet ser ikunu konkluzi fi kwistjoni ta’ gimghat. Fit-22 ta’ Novembru tas-sena li ghaddhiet gewwa l-ufficcju tal-Prim Ministru l-istess Prim Ministru ta briefing lill-gurnalisti dwar l-arrest ta’ Yorgen Fenech u dak illi Melvin Theuma kien qal waqt l-interogazzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jidhirlix li kien prezenti ghal xi wahda minnhom; jidhirli li l-Kummissarju kien prezenti ghal xi wahda minnhom dawn.

***Ix-Xhud :***
Le no.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le?

***Imhallef A Lofaro :***
Le le ma kienx.

***Ix-Xhud :***
Qatt kont prezenti jiena

***Dr Jason Azzopardi :***
Dak il-punt tad-domanda..

***Ix-Xhud :***
Le qatt ma kont prezenti ghal briefings tal-Prim Ministru

***Dr Jason Azzopardi :***
Dak il-punt; antecipani s-Sur Imhallef, Sur Cutajar.

***Imhallef A Lofaro :***
Le ma kienx

***Ix-Xhud :***
Lle ma kontx.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela stabbilejna biex ahna nkunu leali ma' xulxin, Sur Cutajar, u precizi mal-Bord, l-uniku press conference li inti ndirizzajt kien fid-19 ta' Ottubru fejn kien prezenti mieghek is-Sur Valletta.

***Ix-Xhud :***
Nikkonferma.

***Dr Jason Azzopardi :***
Wara dak inhar ..

***Ix-Xhud :***
Le ma tajtx iktar press conferences.

***Dr Jason Azzopardi :***
Domanda ..

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas briefings, xejn.

***Ix-Xhud :***
Kienu jsiru press releases.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa inti inghatajt raguni ghala jew tlabtx spjegazzjoni ghala, ghax mhux affarijiet li mdorrijin narawha f' pajjizi Ewropej, li l-Prim Ministru jaghti briefing lill-gurnalisti minghajr lanqas ma jkun hemm il-Kummissarju tal-Pulizija u juri li huwa privy ghall-informazzjoni li Melvin Theuma kien ta lill-investigaturi? Kont mitlub ..

***Ix-Xhud :***
Le le

***Dr Jason Azzopardi :***
Ismaghni ftit Sur Cutajar; qed naghtik ic-cans. Isma' jiena kont mitlub u ma stajtx. Jew le, jien ma kontx mitlub, lanqas biss informawni.

***Ix-Xhud :***
Kieku kont hemm hux li kieku kont mitlub! Kont immur.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma kontx mitlub.

***Ix-Xhud :***
Da zgur li le.

***Dr Jason Azzopardi :***
U fit-28 ta' Novembru tas-sena li ghaddhiet l-istess Prim Ministru lill-gurnalisti qalilhom l-investigazzjonijiet ser ikunu konkluzi jekk il-Bambin irid hopefully in the next few hours. Din l-informazzjoni li l-Prim Ministru kien qieghed jaghti lill-gurnalisti, li kien hemm wiehed minnhom gurnalsit staqsa lill-Prim Ministru, on record dan. Qallu Prime Minister, *what role are you speaking in today? : as Police Commissioner, as Attorney General or as Minister of justice?* Sur Cutajar, b' dan il-briefing tat-28 ta' Novembru u l-ftit sieghat li qed isemmi minn fejn gietu l-informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Jiena l-iktar li nista' nghid li tinvolvi lili. L-ewwel haga l-investigazzjoni ma kinetx il-Pulizija biss. Kienet maghmulha minn Task Force. Kienet maghmulha min Task Force; jigifieri ahna l-Pulizija, l-MSS, kien hemm l-Avukat Generali, kien hemm il-Europol, gie li kien hemm il-Magistrat maghna, jigifieri. Jigifieri jiena ma nistax nghid ezatt. Pero` nista' nghid li ll-Prim Ministru kellu informazzjoni, li jien kont prezenti wkoll nikkonferma f' meetings ukoll, meta kien hemm il-kwistjoni tal-proklama. Jigifieri certu informazzjoni li bilfors trid tghaddihomlu…

***Dr Jason Azzopardi :***
Jigifieri qed nitkellmu kwistjoni tal-proklama, proklama Melvin Theuma fix-xahar ta' Novembru tas-sena li ghaddhiet.

***Ix-Xhud :***
F' Novembru.

***Dr Jason Azzopardi :***
Il-briefings li kien jinghata minnek, ikkoregini, minnek ..

***Ix-Xhud :***
Mhux minni …

***Dr Jason Azzopardi :***
Le?

***Ix-Xhud :***
Principarjament il-briefings kien jinghata fil-prezenza tieghi ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Fil-prezenza tieghek.

***Ix-Xhud :***
Fil-prezenza tieghi, minn l-iktar li ghex l-investigazzjoni li huma l-investigaturi. Ovvjament fil-prezenza tieghi; fil-prezenza ta' l-Avukat Generali. Jien qatt ma tkellimt fuq dawn l-affarijiet mal-Prim Ministru per ezempju wahdu! Dejjem fil-prezenza ta' dawn in-nies li qed insemmi.

***Dr Jason Azzopardi :***
Hekk hu. Sur Cutajar, sa fejn taf inti u sakemm inti kont Kummissarju, f' Lulju ta' l-2018 hareg ir-rapport Egrant, u l-Magistrat fil-konkluzjonijiet tieghu dak li ahna inseju l-privy, kien irrakkomanda.., xi haga partikolari ser insaqsik ta, li jittiehdu passi ghal spergur kontra individwu bl-isem ta' Karl Cini. Jekk joghgbok, sa fejn taf inti, sa fejn kont infurmat inti ..

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jien; nixtieq li ghandi kopja tal-konkluzjonijiet.. ghandi ta, halli nidhollok wiehed wiehed..; fuq Kalr Cini..

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cutajar, fuq dan biss ser nistaqsik

***Ix-Xhud :***
All right. Lil Karl Cini bghatna ghalih, gie interrogat mill-Pulizija; jidhirli mit-taqsima ta' ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ta' l-Economic Crimes

***Ix-Xhud :***
Ta' l-Economic Crimes; pero` sa fejn naf jiena s' issa ma hargux akkuzi fil-konfront tieghu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Le dak huwa fatt, ma hargux. Imma sa fejn ..

***Ix-Xhud :***
Ehe, imma gie interrogat.

***Dr Jason Azzopardi :***
Gie interrogat.

***Ix-Xhud :***
Gie interrogat mija fil-mija.

***Dr Jason Azzopardi :***
Gie interrogat fl-2018

***Ix-Xhud :***
Mija fil-mija.

***Dr Jason Azzopardi :***
Pero` sa fejn taf inti u sa fejn tista' titkellem, x' zamm milli jinfethu l-proceduri kriminali; ta' Jannar meta inti kont Kummissarju? Jekk intix infurmat.

***Ix-Xhud :***
Minhiex infurmat le.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma tafx.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Jason Azzopardi :***
Dan mhux is-Sur Abdilla kien qed imexxihom?

***Ix-Xhud :***
… is-Sur Abdilla! Ifhimni. L-interrogazzjoni ghamluha l-ispetturi investigattivi u..

***Dr Jason Azzopardi :***
L-ispetturi tal-ECU ..

***Ix-Xhud :***
Li huwa taht is-Sur Abdilla; is-Sur Abdilla taht id-DC, id-DC taht il-Kummissarju; heq!

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva. Halli nkunu nafu fejn irridu nfittxu. La kien is-Sur Abdilla ghax huwa fl-Economic Crimes, id-domanda li jmiss hija jekk qattx is-Sur Abdilla lilek infurmak – isma' fuq Tiziu wasalna, fuq Tiziu qeghdin miexjin f' din id-direzzjoni, sa xahar iehor ser inressqu; m' hemmx kaz. Fuq dan l-individwu Karl Cini

***Ix-Xhud :***
Le le le.

***Dr Jason Azzopardi :***
No. Sur Cutajar, ha niehdok ghal April ta' l-2017; dak inhar tal-24 ta' April is-sinjura Caruana Galizia kienet kitbet pubblikament u ghamlet allegazzjoni serja u partikolari - Keith Schembri ixxahham mill-bejgh tal-passaporti. Il-gimgha ta' wara, it-30 ta' April, it-Times hawnhekk ghandi r-rapport, qalet illi inti bhala Kummissarju u l-Attorney General Peter Grech kienu jafu minn sena qabel bis-suspetti ta' hasil ta' flus koncernanti il-persuna ta' Keith Schembri. Qabel xejn, ha nibdew pass pass; dan ir-rapport tat-Times tiftakru?

***Ix-Xhud :***
Jimporta narah? Niftakru le, nipprova nikkonfermah

***Dr Jason Azzopardi :***
Qabel xejn dak huwa rapport tat-Times of Malta tat-30 ta' April 2017.

***Ix-Xhud :***
Dan ir-rapport tal-loan biex niftehmu?

***Imhallef A Lofaro :***
Le le

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cutajar, le, qabel xejn, ha nimxu pass pass, targa targa. Naqblu, tiftakar b' dan ir-rapport fit-Times?

***Ix-Xhud :***
Ifhimni, qed inkellmek hawn issa tant ghaddejt minn affarijiet li ma niftakrux dan ir-rapport partikolari

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cutajar, ghandek memorja Alla iberikha.

***Ix-Xhud :***
Le x' ghandi memorja! Ghandi sittin sena; x' memorja!

***Dr Jason Azzopardi :***
Ghandek memorja Alla iberikha; inti taf meta skorjaw l-Inter f' tali loghba f' tali zmien ..

***Ix-Xhud :***
Dawk kollha niftakarhom.

***Dr Jason Azzopardi :***
…f' tali sena! Tajjeb? Naf li ghandek memorja tajba hafna, ahjar minn tieghi.

***Ix-Xhud :***
Imma  hemm wisq..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ismaghini ftit; hawn ghandna allegazzjoni li mhux fuq Ganni tal-haxix! It-Times qed jghidu hawnhekk li inti u Peter Grech fl-2016, sena qabel, kontu infurmati bl-involviment ta' Keith Schembri u suspicions of money laundering fuq certu bank transactions; u li nghatajtu informazzjoni fuq bank transfers li Brian Tonna ghamel lil Keith Schembri permezz tal-bank Pilatus li ssemma. *The Police Commissioner was asked whether he had investigated the information he received nearly a year ago, and to explain why no arraignments had been made on such serious claims. He acknowledge received of the question but gave no answers*. Dan x' qed jghidu.. x' qalet it-Times. Mela ghaliex ma kontx wegibt? Jekk tiftakar. U t-tieni, tikkonfermax illi sena qabel l-2017 inti kont diga` infurmat li kien hemm dawn is-suspetti ragonevoli.

***Ix-Xhud :***
Jiena ha nkun onest, jiena li gejt infurmat ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Allahares ma tkunx onest!

***Ix-Xhud :***
Jiena li gejt infurmat li kien hemm dawn it-tip ta' suspetti jiena nichadha.

***Imhallef A Lofaro :***
Tichadha.

***Ix-Xhud :***
Iva nichadha. Pero`, pero` imma din l-informazzjoni jigifieri giet diretta ghandi jew marret ghand.. ghand… jien naf ..

***Imhallef A Lofaro :***
Li inti kont infurmat hemm imnizzel.

***Ix-Xhud :***
Le le. Le ta', nichadha ta'.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mhux veru.

***Ix-Xhud :***
Mhix qed iddoqqli.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma setghet marret ghand Valletta per ezempju?

***Ix-Xhud :***
Hafna minn l-informazzjoni per ezempju jekk kienet minn ghand l-FIAU, jekk kienet ghand l-FIAU ma jigux ghandi. Jibqghu ghaddejjin. Lanqas jigu fl-ufficcju tieghi. Ghax dik ohra, tal-kexxun, bil-files fil-kexxun jiena; inzomm ta' l-FIAU ukoll! X' files huma dawn?

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cutajar, xahar qabel, fit-2 ta' Marzu 2017 inti kont il-Kummissarju, naqblu? 2$^{nd}$ March 2017.

***Ix-Xhud :***
Iva mela.

***Dr Jason Azzopardi :***
Hekk hu. Harget stqarrija ghall-istampa li pero` ma ghadhiex tinstab online, jekk naghmlu search; jekk naghmlu search ma insibuhiex, tnehhiet

***Imhallef A Lofaro :***
Ghandek kopja taghha?

***Dr Jason Azzopardi :***
Tnehhiet mill-Korp tal-Pulizija. Mill-Korp tal-Pulizija tnehhiet. Il-familja Caruana Galizia ghandha kopja, zammet kopja meta harget din il-press release 115/17 fit-2 ta' Marzu. Naghmel referenza ghall-artikolu li deher illum fl-ewwel pagna tal-gazzetta In-Nazzjon taht it-titolu Jikkonferma lis-Suspettati u Investigati. L-ispirtu ta' l-Artikolu 112 ta' l-att dwar il-Pulizija huwa sabiex ma jigux diskussi kazijiet specifici fil-mezzi tax-xandir. Ir-rapport fin-Nazzjoni tal-lum huwa biss interpretazzjoni skorretta tal-mod kif wiegeb il-Kummissarju tal-Pulizija. Kif diga` intqal fl-24 ta' Marzu 2016 ma rrizulta ebda suspett ragonevoli li twettaq reat kriminal li jista' iwassal ghal investigazzjoni. Il-korp tal-Pulizija ghandu jithalla jaghmel xoghlu b' serenita` minghajr pressjoni zejda. Qrajtlek b' lealta` l-press release kollha. Mela int qabel xejn tiftakar tohrog din il-press release.

***Ix-Xhud :***
Ehe jiena jekk minhiex sejjer zball dan il-press release kien in konnessjoni mal- ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Keith Schembri u Konrad Mizzi.

***Ix-Xhud :***
Ehe ma' Keith Schembri …mhux Keith Schembri, fuq..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ghx kien hemm programm fuq stazzjon tat-televizjoni..

***Ix-Xhud :***
Fuq il ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Nista' nghidlek x' kien.

***Ix-Xhud :***
Principalment fuq jekk minhiex sejjer zball kien fuq l-allegat loan.

***Dr Jason Azzopardi :***
Fuq il-hasil tal-flus ..

***Ix-Xhud :***
Ehe fuq.

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva iva.

***Ix-Xhud :***
Fuq l-allega loan.

***Dr Jason Azzopardi :***
Tixhim. Issa minghajr ma nidhlu fid-dettal tal-haga ghax hawn mhux qed naghmlu l-investigazzjoni. Il-punt hu illi l-Korp tal-Pulizija hareg press release 2nd March 2017. L-ewwel nett, ghalfejn, jekk taf, ma baqetx tidher fuq il-website ..

***Ix-Xhud :***
M' ghandix idea ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma ghadnekx. Ma tajtx l-ordnijiet inti.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Jason Azzopardi :***
No.

***Ix-Xhud :***
M' ghandix ghalfejn naghti ..

***Dr Jason Azzopardi :***
It-tieni : huwa fatt li sa Marzu 2017, issa jigifieri Marzu 2017 qed nitkellmu ovvjament… hargu l-Panama Papers, meta? Fl-4 ta' April 2016; jigifieri hargu hdax-il xahar qabel.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Dr Jason Azzopardi :***
Inti Sur Cutajar, x' wasslek biex tohrog stqarrija u tghid ma hemmx suspett ragonevoli li twettaq reat kriminali fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni illi ssemmew mhux biss minn Daphne Caruana Galizia, minn Panama Papers, mill-gurnalisti indipendenti ta' pajjizna, illi kienu involuti f' xibka ta' korruzzjoni fil-hasil ta' flus?

***Ix-Xhud :***
Id-data, meta ghedtli d-data jekk joghgbok?

***Dr Jason Azzopardi :***
Id-data tal-press release kienet 2$^{nd}$ March 2017

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jigifieri, Sur Cutajar biex niftehmu, xahar qabel l-Egrant; biex niftehmu ha naghtik timeline.

***Ix-Xhud :***
Jiena din il-press release qed naghmilha.. nasheb jiena qed naghmilha qabel ma ricivejna dawk ir-rapporti li xhedt fuqhom l-ahhar darba ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Tal-FIAU.

***Ix-Xhud :***
Tal-FIAU, il-konnessjoni ta' l-individwi etc etc. Pero` hawnhekk ghandi nota jiena wkoll.. pero` din kienet f' Mejju tat-2016 ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Le, Mejju.. Sur Cutajar ismaghni ftit halli ma titfixkilx u ma nitfixklux.

***Ix-Xhud :***
Ghax qed nipprova ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ismaghni, Mejju 2016 huwa l-parir ta' Peter Grech Avukat Generali, biex ma tissekwestrawx is-servres tan-Nexia ghax inkella toholqu possibilta` ta' kawza tad-danni, u holl xaghrek u gib iz-zejt imsieken tan-Nexia! Mhux hekk? Daka kien Mejju 2016 .. Panama Papers

***Ix-Xhud :***
Ezatt.

***Dr Jason Azzopardi :***
Dan huwa March 17; inti hassejt u kellek id-dritt li tohrog stqarrija.

***Ix-Xhud :***
Ehe, mela jekk jiena hrigt din l-istqarrija qed nipprova niftakar naqra ezatt x' kienet. Ovvjament ma hrigthiex minn.. hekk, qomt filghodu u ghedt ha nohrog sqarrija! Li hrigtha l-istqarrija probbabli wara li kelli l-feedback minn ghand l-investigaturi, ghax jien ma nohrogx stqarrijiet wahdi. L-iktar li nista' nahseb li harget din l-istqarrija fic-cirkostanzi hija li dak iz-zmien.. hemm ir-rapporti li xhedt fuqhom l-ahhar darba, qed nipprova insibhom, imma ga xhedt fuqhom..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ta' l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Ta' l-FIAU; nahseb li kienu ghadhom ma gewx ghandna minn l-FIAU. Jien nahseb dik hi l-crux ta' l-istqarrija. Jigifieri pero` nerga' nghid, jiena ma nohrogx stqarriji.. inqum filghodu u nohorg stqarrija! Jekk nohrog stqarrija bhal dik jiena nkun hrigtha wara li ovvjament inkun ikkonsultajt lil minn ghandi nikkonsulta. F' dan il-kaz partikolari jiena nikkonsulta ma' l-investigaturi : isma' ghandna fuq xiex inressquh dan il-persuna? Ghandna jew ma ghandniex? Forsi tghidli allura ma ghandekx tara l-file mill-bidu sa l-ahhar!

***Dr Jason Azzopardi :***
Le le, inti ghandek.., ismaghni ftit, jekk ghandek subaltern illi inti tlabtu feedback inti trid toqghod fuq il-feedback illi tak.

***Ix-Xhud :***
Mhux hekk! Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` mbaghad stqarrija tohrog fuq ir-responsabbilta` tieghek ..

***Ix-Xhud :***
Le le le kollox responsabbilta` tieghi specjalment il-hazin Sur Imhallef

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, jigifieri ma tiehdux pariri ta' avukati;

***Ix-Xhud :***
Dak qatt ma jkun responsabbilta` …

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma tiehdux pariri ta' avukati

***Ix-Xhud :***
…responsabbilta` ta' l-investigaturi u hekk. Meta jkun hemm xi haga hazina responsabbilta` tal-Kummissarju; dik issa.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri ma tiehdux parir ta' avukati u hekk fejn tistghu. Jekk tiehdux parrir minn ghand avukati f' dan il-kaz?

***Ix-Xhud :***
F' liema kaz Sur Imhallef ?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, f' dan il-kaz tal-press release; f' kwalunkwe press release tehduha ..

***Imhallef A Lofaro :***
F' din il-bicca xoghol

***Ix-Xhud :***
Le ifhimni ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
M' hemmx ghalfejn ..

***Ix-Xhud :***
Rari jkun hemm xi press release naqra.. gie li tlabna parir ta' l-Avukat Generali ghax ahna.

***Imhallef A Lofaro :***
X' dan il-kaz  ma tafx.

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux f' dan il-kaz imma

***Ix-Xhud :***
Ma jidhirlix ta

***Imhallef A Lofaro :***
Ma jidhirlux, all right.

***Ix-Xhud :***
Ma jidhirlix.

***Dr Jason Azzopardi :***
U la qed insemmu l-Avukat Generali ..

***Ix-Xhud :***
Ma tistax tibqa tiftakar kollox Sur Imhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Veru veru.

***Ix-Xhud :***
Kif jista' ikun! Qed nipprova ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cutajar , qabel ma nikkonkludi jekk joghgbok; qabbadtni kurzita` kbira meta kont qed tixhed fuq domanda tal-kollega, u nghidlek il-verita` hsadtni meta ghedt illi..., u ma ghandix ghalfejn niddubita l-kema tieghek. Inti, is-Sur Valletta kien qallek dak inhar tal-famuz filmat tas-sit tal-Bank Pilatus li kien tkellem ma'  l-Avukat Generali

***Ix-Xhud :***
L-Avukat Generali.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa inti taf Sur Cutajar, ghax waqaghtlek zokortok fil-Korp, nahseb naqblu li wiehed mill-ghanijiet ewlenin tal-Pulizija huwa li tippriserva ..

***Imhallef A Lofaro :***
..l-evidenza.

***Dr Jason Azzopardi :***
…l-evidenza; naqblu?

***Ix-Xhud :***
Heq naqblu perfettament; lanqas ma hemm dubju fuqha!

***Dr Jason Azzopardi :***
Ieqaf, tini cans u imbaghad ghid li ghandek tghid ghax inkella ittellifini l-fil.

***Ix-Xhud :***
Ok.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ismaghni ftit; u naqblu wkoll illi wiehed minn l-ghanijiet tal-Pulizija huwa to prevent not just to investigate, but to prevent the commission of a crime. Issa, d-domanda tieghi, meta s-Sur Valletta qallek li l-AG.., hux l-AG qallek?

***Ix-Xhud :***
Mhux l-AG personali qalli; is-Sur Valletta ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Le le, is-Sur Valletta qed jitkellem ma' ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ma' Dr Peter Grech; mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Hekk fhimt jien.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma' l-AG. Kienx hemm f' dawk l-24 siegha komunikazzjoni bejnek u l-Avukat Generali fuq dak il-punt, fuq dak il-parir? Apparti s-Sur Valletta.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri 24 siegha wara ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Jigifieri l-ewwel… ezattament. Fl-ewwel jum, gurnata, tnejn, wara dak il-filmat illi rajna ma nafx kemm-il darba, u inti qallek is-Sur Valletta li kien dak iz-zmien.., ikkoregini, nahseb DC kien.

***Ix-Xhud :***
Nahseb DC kien iva, Deputa Kummissarju

***Dr Jason Azzopardi :***
Minghalija kien DC. Isma' jien tkellimt mhux ma' kwalsiasi persuna, ma' l-Avukat Generali u qalilna – hi, hemmhekk minhabba d-disclosure m' hemmx… ; Issa, inti din il-haga issorprendietek? Hadha bhala haga normali? Xammejtha tinten?

***Ix-Xhud :***
Jiena mhux xammejtha tinten. Jiena dak il-hin ha nkun onest hawn; dak il-hin hsibt x' konsegwenzi jista' jkun hemm wara jekk inti ma tapplikax il-parir ta' l-Avukat Generali. Jiena nahseb fuq dik ir-…; mas-Sur Valletta kelli oportunitajiet li nitkellem. Ma' l-AG qatt ma tkellimt, ha nkun onest fuqha. Pero` mas-Sur Valletta ifhimni, kelli hafna oportunitajiet li nitkellmu. Jiena kien hemm affarijiet, dan hadd ma hu perfett! Fi tliet snin u nofs saru affarijiet tajbin u saru affarijiet ha nghid inqas tajbin.

***Imhallef A Lofaro :***
Il-parir ta' l-AG kien bil-miktub? Kien bil-miktub?

***Ix-Xhud :***
Le le.

***Imhallef A Lofaro :***
Verbali kien.

***Ix-Xhud :***
Verbali. Inqas tajbin. Pero` jekk kien hemm xi haga illi jiena ma inqastx fiha hija proprju jien fl-opinjoni tieghi, anke kont nitkellem mas-Sur Valletta, hija f' din il-haga. Ghax inti all right, hawnhekk kulhadd nerga' nghid qieghed hawn.., imma f' dak il-hin, f' dak il-hin li inti tiehu azzjoni kontra l-parir li tkun hadd u din l-azzjoni tirrizulta ultra vires jew tirrizulta li ma hi tajba, ghada pitghada inti trid tmur ghand min tak il-parir biex jiddefendik! Issa ifhimnni naqra, jiena din xhedtha.. diga` xhedha fl-Inkjesta Egrant, pero` hadt gost li staqsejtuhieli ghax jien ridtha li johrog fil-pubbliku.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` niehu l-impressjoni li kieku ma kienx ghal dan il-parir f' cirkostanzi normali f' investigazzjoni ta' delitt bhal ohrajn, inti, il-Pulizija kienet ser tagixxi mod iehor. Kienet tghid hawnhekk ghandi fogo ghandi din l-evidenza, ejja ha nippreservawha ..

***Ix-Xhud :***
Imma hawn qed nitkellmu fuq bank Sur Imhallef. Imma mhux qed nitkellmu wiehed dahal jisraq go dar u hareg ta imma!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu. Pero` qed nitkellmu fuq bank li ghandu.. jew kellu dak iz-zmien dellijiet.

***Ix-Xhud :***
Iva dellijiet, imma dellijiet ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed niftehmu? Dellijiet u hafna minhom oskuri u baqghu sal-lum oskuri; u naf x' gara mbaghad wara lil dan il-bank

***Ix-Xhud :***
Nafu x' gara

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri li qed nghid jiena li kieku intom thallejtu tahdmu kif suppost probabbilment intom kontu tagixxu mod iehor; qed nifhem jien

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe din ghadu ma rrispondihiex din ta'.

***Ix-Xhud :***
X' inhi? X' ma rrispondejtx?

***Imhallef A Lofaro :***
Xtaqniek tirrispondiha din please din id-domanda li ghamillek is-Sur Prim Imhallef.

***Ix-Xhud :***
Jiena hassejt li f' kaz bhal dan ma ghamilx hazin is-Sur Valletta li talab parir.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhux hekk staqsiek is-Sur Prim Imhallef. Li kieku ma kellkomx dak il-parir kontu tagixxu mod iehor? Dik kienet id-domanda.

***Ix-Xhud :***
Jista' ikun ukoll; imma jiena issa…!

***Imhallef A Lofaro :***
Jista' ikun ukoll.

***Ix-Xhud :***
…ma nistax…; jista' ikun

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cutajar, wara dak il-filmat, u kien hemm nahseb naqblu ghagha fil-pajjiz ..

***Ix-Xhud :***
Fejn hemm jien involut ikun hemm ghagha zgur! Jigifieri m' hemmx dubju.

***Dr Jason Azzopardi :***
Le le, ismaghna Sur Cutajar; Sur Cutajar insa lilek u insa x' kont qed tiekol, mhux fuq dak qed insaqsik. Qed inkun… , Sur Cutajar mhux qed inkun ironiku!

***Ix-Xhud :***
All right all right, le le, anzi.

***Dr Jason Azzopardi :***
Fil-pajjiz qam ghagha; taqbel jew ma taqbilx ghaliex dan il-persuna thalla jitlaq.

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa inti llum ghall-ewwel darba, u credit to your testimony qed tghid x' wassal biex il-Pulizija ma haditx passi.

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Jason Azzopardi :***
Wara dak l-uproar illi qam fil-granet ta' wara, f' xi mument kellek okkazjoni jkellmek l-Avukat Generali in vista ta' dak illi kien hareg u gara u kien hemm diskussjoni jekk mhux forsi anke ammissjoni illi messna agixxejna jew messu l-parir kien differenti?

***Ix-Xhud :***
Le le, jiena ma' l-Avukat Generali fuq dan il-fatt ma niftakarx li qatt kelli xi diskussjoni partikolari. Jien li nista' nghid li dak inhar filghaxija bdiet l-Inkjesta u skattat l-investigazzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Wara li saret il-kwerela mill-Prim Ministru

***Ix-Xhud :***
Sorry, wara li saret il-kwerela

***Dr Jason Azzopardi :***
Grazzi. Jien min-naha tieghi ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Biex nghalqu, jigifieri f' dak il-mument inti kellek il-kwerela tal-Prim Ministru..

***Ix-Xhud :***
Filghaxija, wara; wara.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Filghaxija dak inhar. Kellek sitwazzjoni fejn il-kwerela kienet tinvolvi l-prova li setghet kienet jew il-bank, u inti ma hadtx passi immedjati dak il-hin.

***Ix-Xhud :***
Konna hadna passi wara li kellna l-kwerela. Wara li kellna l-kwerela, min refa' r-responsabbilta` li ghamel ir-rapport li ghamel il-kwerela u agixxejna, mela ahna dak il-hin hadna passi bil-kwerela f' idejna. Mhux b' intelligence.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bil-kwerela f' idejkom jigifieri mortu l-bank u hadtu s-servers dak il-hin?

***Ix-Xhud :***
Le le. Ddak il-hin filghaxija..; dan qed nitkellmu billejl; dak il-hin ghamilna l-ghassa mal-bank u mbaghad marru l-ghada jew whatever. Koperti b' Inkjesta Magisterjali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
M' ghandniex xi nghidu!

***Imhallef A Lofaro :***
Mela marru l-ghada.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U dak iz-zmien li gara dak il-hin kien ga telaq 'l hemm

***Ix-Xhud :***
…kif spjegajt Sur Imhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Telaq kien imbaghad.

***Ix-Xhud :***
Pero` rrizulta wkoll minn l-Inkjesta ta’ l-Imhallef Bugeja, jigifieri .. x’ ha mieghu u x’ ma hax. Jigifieri rridu nghidu kollox.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li jghidu haga u l-fatti haga ohra.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ **Lawrence Cutajar** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur